Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel

2025/0393(COD)

11.6.2026

EMENDI
13 - 96

Abbozz ta' rapport
Emma Wiesner
(PE787.833v01-00)

Emenda tad-Direttiva 2007/2/KE fir-rigward tas-simplifikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti għall-istabbiliment tal-Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fl-Unjoni

Proposta għal direttiva
(COM(2025)0985 – C10-0338/2025 – 2025/0393(COD))

Emenda 13
Annalisa Corrado, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal direttiva
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Data ambjentali ta' kwalità għolja, affidabbli u komparabbli hija prerekwiżit essenzjali għat-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politiki ambjentali tal-Unjoni. Tali data tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, inklużi l-protezzjoni tal-bijodiversità, il-ġestjoni tal-ilma, il-monitoraġġ tal-ħamrija, il-prevenzjoni tat-tniġġis u l-adattament għat-tibdil fil-klima. Hija indispensabbli wkoll għall-monitoraġġ tal-progress lejn l-objettivi ewlenin tal-Unjoni, inklużi n-newtralità klimatika sal-2050 u l-kisba ta' ħamrija f'saħħitha sal-2050, f'konformità mal-ambizzjoni tal-Unjoni ta' tniġġis żero. Għalhekk, iż-żamma tad-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-użu tal-informazzjoni ambjentali jibqgħu essenzjali biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali madwar l-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Data ambjentali affidabbli u komparabbli hija meħtieġa mhux biss għar-rapportar ambjentali iżda wkoll għall-monitoraġġ tal-progress lejn l-objettiv ambjentali u klimatiku ewlieni tal-Unjoni

Emenda 14
Annalisa Corrado, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal direttiva
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Id-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-interoperabbiltà tad-data ġeografika ambjentali jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tnaqqis tal-pożijiet amministrattivi u għat-titjib tal-effiċjenza, il-kwalità u l-affidabbiltà tal-proċeduri amministrattivi. Aċċess aħjar għall-informazzjoni ambjentali jista' jiffaċilita l-valutazzjonijiet ambjentali, il-proċeduri għall-għoti ta' permessi u l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni ambjentali. Għalhekk jenħtieġ li l-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid effettivi tal-informazzjoni ambjentali jitqiesu bħala komponent importanti ta' regolamentazzjoni aħjar u governanza ambjentali aktar effiċjenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-data ambjentali mhijiex biss għodda għar-rapportar u l-monitoraġġ iżda wkoll faċilitatur importanti ta' proċeduri amministrattivi aktar effiċjenti u implimentazzjoni aħjar tal-leġiżlazzjoni ambjentali.

Emenda 15
Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Marie-Luce Brasier-Clain, Valérie Deloge, Matthieu Valet, Mélanie Disdier, Catherine Griset

Proposta għal direttiva
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(3a) Ir-reġjuni rurali, agrikoli, tal-foresti, kostali, muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi huma partikolarment dipendenti fuq data ġeografika u ambjentali affidabbli għall-ġestjoni tal-ilma, tal-ħamrija, tal-perikli naturali, tal-erożjoni, tan-nirien, tal-bijodiversità, tal-attivitajiet agrikoli u tas-sajd u tal-**

ippjanar territorjali. L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva jenħtieġ li tqis ir-restrizzjonijiet speċifiċi tagħhom u ma taggravax id-distakki diġitali reġjonali.

Or. fr

Emenda 16
Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Marie-Luce Brasier-Clain, Valérie Deloge, Matthieu Valet, Mélanie Disdier, Catherine Griset

Proposta għal direttiva
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Data ġeografika u ambjentali affidabbli hija essenzjali sabiex jitkejlu u jiġu evitati t-teħid tal-art, it-tniġġis diffuż, il-ħsara lir-riżorsi tal-ilma, id-degradazzjoni tal-art agrikola, il-perikli industrijali u l-pressjonijiet ambjentali marbuta mal-importazzjonijiet jew mal-ktajjen tal-provvista globalizzati.

Or. fr

Emenda 17
Beatrice Timgren, Laurence Trochu

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Id-Direttiva 2007/2/KE fiha referenza għal partijiet terzi, filwaqt li d-Direttiva (UE) 2019/1024, li tapplika għal korpi tas-settur pubbliku u għal impriżi pubbliċi, ma tkoprix entitajiet jew negozji privati. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza mad-Direttiva (UE) 2019/1024[10] , ir-referenza għal partijiet terzi jenħtieġ li titħassar.	Id-Direttiva 2007/2/KE fiha referenza għal partijiet terzi, filwaqt li d-Direttiva (UE) 2019/1024, li tapplika għal korpi tas-settur pubbliku u għal impriżi pubbliċi, ma tkoprix entitajiet jew negozji privati. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza mad-Direttiva (UE) 2019/1024[10] , ir-referenza għal partijiet terzi jenħtieġ li titħassar. ***Jenħtieġ li d-Direttiva 2007/2/KE ma tiġix interpretata bħala li tirrikjedi li l-entitajiet***

privati jiżvelaw data ġeografika, informazzjoni kummerċjali jew industrijali, sigrieti kummerċjali, għarfien espert, proprjetà intellettwali jew informazzjoni kummerċjalment sensittiva oħra protetta skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali. Kwistjonijiet relatati mal-aċċess jew il-kondiviżjoni tad-data tas-settur privat jenħtieġ li jibqgħu rregolati mil-leġiżlazzjoni orizzontali applikabbli tal-Unjoni dwar id-data u mil-liġi nazzjonali.

---

[10] Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1024/oj).

[10] Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1024/oj).

Or. en

Ġustifikazzjoni

INSPIRE trid tibqa' ffukata fuq id-data ġeografika tas-settur pubbliku. Jenħtieġ li ma ssirx back door għall-iżvelar obbligatorju ta' data privata, sigrieti kummerċjali jew informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

Emenda 18
Radan Kanev

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Id-Direttiva 2007/2/KE fiha referenza għal partijiet terzi, filwaqt li d-Direttiva (UE) 2019/1024, li tapplika għal korpi tas-settur pubbliku u għal impriżi pubbliċi, ma tkoprix entitajiet jew negozji privati. ***Sabiex tiġi żgurata l-koerenza mad-Direttiva*** (UE) ***2019/1024[10]*** , ***ir-referenza għal partijiet terzi jenħtieġ*** li ***titħassar***.	Id-Direttiva 2007/2/KE fiha referenza għal partijiet terzi, filwaqt li d-Direttiva (UE) 2019/1024, li tapplika għal korpi tas-settur pubbliku u għal impriżi pubbliċi, ma tkoprix entitajiet jew negozji privati. ***Id-Direttiva 2007/2/KE jenħtieġ li tkompli tirregola r-rabta ta' settijiet ta' data ta' partijiet terzi ma' servizzi rilevanti fuq bażi volontarja. Tali kontribuzzjonijiet***

volontarji jenħtieġ li jkunu possibbli meta dawk is-settijiet ta' data jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-governanza tad-data u l-kondiviżjoni tad-data[9a], b'mod partikolari fir-rigward tal-metadata, il-kwalità, il-kundizzjonijiet tal-aċċess u l-interoperabbiltà.

[9a] REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/679, (UE) 2018/1724, (UE) 2018/1725, (UE) ***2023/2854 u d-Direttivi 2002/58/KE***, ***(UE) 2022/2555 u (UE) 2022/2557 fir-rigward tas-simplifikazzjoni tal-qafas leġiżlattiv diġitali, u*** li ***jħassar ir-Regolamenti (UE) 2018/1807, (UE) 2019/1150, (UE) 2022/868, u d-Direttiva (UE) 2019/1024 (Omnibus Diġitali)***.

[10] Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1024/oj).

[10] Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1024/oj).

Or. en

Emenda 19
Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) L-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva 2007/2/KE jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni ***li*** tadotta regoli ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu arranġamenti tekniċi għall-interoperabbiltà u, fejn ikun prattikabbli, armonizzazzjoni ta' settijiet u servizzi ta' data ġeografika.	(8) L-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva 2007/2/KE jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta regoli ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu arranġamenti tekniċi għall-interoperabbiltà u, fejn ikun prattikabbli, armonizzazzjoni ta' settijiet u servizzi ta' data ġeografika.

Huma jistabbilixxu wkoll il-kundizzjonijiet għal dawk ir-regoli ta' implimentazzjoni u l-kontenut tagħhom. L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva (UE) 2019/1024 jistabbilixxi li l-korpi tas-settur pubbliku u l-impriżi pubbliċi jridu jagħmlu d-dokumenti tagħhom disponibbli fi kwalunkwe format jew lingwa pre-eżistenti, u fejn possibbli u xieraq, b'mezzi elettroniċi, f'formati li jkunu miftuħin, li jinqraw mill-magni, aċċessibbli u li jistgħu jinstabu u jerġgħu jintużaw, flimkien mal-metadata tagħhom. Kemm il-format kif ukoll il-metadata ***għandhom***, fejn possibbli, jikkonformaw mal-istandards miftuħa formali. Skont l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva (UE) 2019/1024, dik id-Direttiva tirregola l-użu mill-ġdid ta' dokumenti eżistenti miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku u impriżi pubbliċi tal-Istati Membri, inklużi dokumenti li għalihom tapplika d-Direttiva 2007/2/KE. Peress li r-rekwiżiti tal-interoperabbiltà għad-data miftuħa japplikaw għad-data ġeografika, jenħtieġ li titħassar is-setgħa li jiġu adottati regoli ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu arranġamenti tekniċi għall-interoperabbiltà u, fejn ikun prattikabbli, l-armonizzazzjoni tas-settijiet ***tad-data*** ġeografika u d-dispożizzjonijiet relatati.	Huma jistabbilixxu wkoll il-kundizzjonijiet għal dawk ir-regoli ta' implimentazzjoni u l-kontenut tagħhom. L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva (UE) 2019/1024 jistabbilixxi li l-korpi tas-settur pubbliku u l-impriżi pubbliċi jridu jagħmlu d-dokumenti tagħhom disponibbli fi kwalunkwe format jew lingwa pre-eżistenti, u fejn possibbli u xieraq, b'mezzi elettroniċi, f'formati li jkunu miftuħin, li jinqraw mill-magni, aċċessibbli u li jistgħu jinstabu u jerġgħu jintużaw, flimkien mal-metadata tagħhom. Kemm il-format kif ukoll il-metadata ***iridu***, fejn possibbli, jikkonformaw mal-istandards miftuħa formali. Skont l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva (UE) 2019/1024, dik id-Direttiva tirregola l-użu mill-ġdid ta' dokumenti eżistenti miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku u impriżi pubbliċi tal-Istati Membri, inklużi dokumenti li għalihom tapplika d-Direttiva 2007/2/KE. Peress li r-rekwiżiti tal-interoperabbiltà għad-data miftuħa japplikaw għad-data ġeografika, jenħtieġ li titħassar is-setgħa li jiġu adottati regoli ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu arranġamenti tekniċi għall-interoperabbiltà u, fejn ikun prattikabbli, l-armonizzazzjoni tas-settijiet ***ta' data*** ġeografika u d-dispożizzjonijiet relatati. ***Madankollu, sabiex jiġi żgurat aċċess nondiskriminatorju, transfruntier u ġenwinament interoperabbli għad-data ġeografika, jenħtieġ li jkompli jiġi stipulat li s-settijiet ta' data ġeografika, is-servizzi ta' data ġeografika u l-interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet ikunu bbażati fuq standards miftuħa, dokumentati u newtrali għall-manifattur, b'mod partikolari standards rilevanti tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) u speċifikazzjonijiet tal-Konsorzju Ġeospazjali Miftuħ (OGC).***

Or. de

Ġustifikazzjoni

It-tneħħija ta' rekwiżiti tekniċi dettaljati jenħtieġ li ma tirriżultax fl-eliminazzjoni de facto tad-dimensjoni ġeospeċifika tal-interoperabbiltà. Interfaċċi u mudelli ta' data ġeospeċifiċi miftuħa u standardizzati jibqgħu essenzjali għall-użu transfruntier prattiku tad-data ambjentali u ġeografika u għall-prevenzjoni tal-frammentazzjoni teknika fl-ispazju Ewropew tad-data. L-APIs miftuħa (interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet) waħedhom ma jiżgurawx interoperabbiltà effettiva.

Emenda 20
Annalisa Corrado, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) L-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva 2007/2/KE jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni ***li*** tadotta regoli ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu arranġamenti tekniċi għall-interoperabbiltà u, fejn ikun prattikabbli, armonizzazzjoni ta' settijiet u servizzi ta' data ġeografika. Huma jistabbilixxu wkoll il-kundizzjonijiet għal dawk ir-regoli ta' implimentazzjoni u l-kontenut tagħhom. L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva (UE) 2019/1024 jistabbilixxi li l-korpi tas-settur pubbliku u l-impriżi pubbliċi jridu jagħmlu d-dokumenti tagħhom disponibbli fi kwalunkwe format jew lingwa pre-eżistenti, u fejn possibbli u xieraq, b'mezzi elettroniċi, f'formati li jkunu miftuħin, li jinqraw mill-magni, aċċessibbli u li jistgħu jinstabu u jerġgħu jintużaw, flimkien mal-metadata tagħhom. Kemm il-format kif ukoll il-metadata ***għandhom***, fejn possibbli, jikkonformaw mal-istandards miftuħa formali. Skont l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva (UE) 2019/1024, dik id-Direttiva tirregola l-użu mill-ġdid ta' dokumenti eżistenti miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku u impriżi pubbliċi tal-Istati Membri, inklużi dokumenti li għalihom tapplika d-Direttiva 2007/2/KE. ***Peress*** li ***r-rekwiżiti tal-interoperabbiltà għad-data miftuħa***	L-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva 2007/2/KE jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta regoli ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu arranġamenti tekniċi għall-interoperabbiltà u, fejn ikun prattikabbli, armonizzazzjoni ta' settijiet u servizzi ta' data ġeografika. Huma jistabbilixxu wkoll il-kundizzjonijiet għal dawk ir-regoli ta' implimentazzjoni u l-kontenut tagħhom. L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva (UE) 2019/1024 jistabbilixxi li l-korpi tas-settur pubbliku u l-impriżi pubbliċi jridu jagħmlu d-dokumenti tagħhom disponibbli fi kwalunkwe format jew lingwa pre-eżistenti, u fejn possibbli u xieraq, b'mezzi elettroniċi, f'formati li jkunu miftuħin, li jinqraw mill-magni, aċċessibbli u li jistgħu jinstabu u jerġgħu jintużaw, flimkien mal-metadata tagħhom. Kemm il-format kif ukoll il-metadata ***jenħtieġ li***, fejn possibbli, jikkonformaw mal-istandards miftuħa formali. Skont l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva (UE) 2019/1024, dik id-Direttiva tirregola l-użu mill-ġdid ta' dokumenti eżistenti miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku u impriżi pubbliċi tal-Istati Membri, inklużi dokumenti li għalihom tapplika d-Direttiva 2007/2/KE. ***Filwaqt*** li ***tevita d-duplikazzjoni mal-leġiżlazzjoni orizzontali tal-Unjoni dwar id-data***, jenħtieġ li ***s-***

japplikaw għad-data ġeografika, jenħtieġ li ***titħassar is-setgħa*** li jiġu adottati regoli ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu arranġamenti tekniċi għall-interoperabbiltà u, fejn ikun prattikabbli, l-armonizzazzjoni tas-settijiet ***tad-data*** ġeografika u d-dispożizzjonijiet relatati.	***simplifikazzjoni ma twassalx għal tnaqqis fil-komparabbiltà, il-konsistenza jew l-interoperabbiltà tad-data ġeografika ambjentali madwar l-Unjoni. Għalhekk, it-tħassir tas-setgħa*** li jiġu adottati regoli ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu arranġamenti tekniċi għall-interoperabbiltà u, fejn ikun prattikabbli, l-armonizzazzjoni tas-settijiet ***ta' data*** ġeografika u d-dispożizzjonijiet relatati***, jenħtieġ li jkun akkumpanjat mill-użu kontinwu ta' standards miftuħa u miż-żamma ta' arranġamenti effettivi li jappoġġaw l-użu transfruntier tal-informazzjoni ġeografika***.
	Or. en

Emenda 21
Valentina Palmisano

Proposta għal direttiva
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) It-tneħħija ta' rekwiżiti tekniċi riġidi żżejjed jenħtieġ li ma twassalx għall-abbandun ta' qafas komuni għall-interoperabbiltà tad-data ġeografika. Għalhekk, jenħtieġ li l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva tkompli tippromwovi l-użu ta' standards miftuħa rikonoxxuti, il-koerenza semantika, il-kompatibbiltà transfruntiera u l-integrazzjoni bejn id-data minn sorsi u livelli amministrattivi differenti.
	Or. it

Emenda 22
Beatrice Timgren, Laurence Trochu

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-Artikoli 11 u 12 tad-Direttiva 2007/2/KE jispeċifikaw li l-Istati Membri ***għandhom*** jistabbilixxu u joperaw network ta' servizzi għas-sejbien, għall-wiri, għat-tniżżil, għat-trasformazzjoni u għall-użu ta' settijiet ta' data ġeografika, u jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi u partijiet terzi jkunu jistgħu jorbtu s-settijiet u s-servizzi ta' data ġeografika tagħhom ma' dak in-network. Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tistabbilixxi l-qafas legali għal data miftuħa u tintroduċi l-kunċett ta' settijiet ta' data ta' valur għoli, definiti bħala data li hija assoċjata ma' benefiċċji importanti għas-soċjetà u għall-ekonomija meta terġa' tintuża, li tinkludi settijiet ta' data ġeografika. Skont id-Direttiva (UE) 2019/1024, is-settijiet ***tad-data*** ta' valur għoli jridu jsiru disponibbli għall-użu mill-ġdid f'format li jinqara mill-magni, permezz ta' interfaċċi xierqa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet u, fejn rilevanti, bħala tniżżil massiv. Skont l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva (UE) 2019/1024, dik id-Direttiva tistipula li d-Direttiva tirregola l-użu mill-ġdid ta' dokumenti eżistenti miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku u impriżi pubbliċi tal-Istati Membri, inklużi dokumenti li għalihom tapplika d-Direttiva 2007/2/KE. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mad-Direttiva (UE) 2019/1024 u biex jiġu evitati dispożizzjonijiet li jikkoinċidu jenħtieġ li jitħassru r-rekwiżiti biex jiġi stabbilit u operat network għas-servizzi tad-data ġeografika fid-Direttiva 2007/2/KE.	L-Artikoli 11 u 12 tad-Direttiva 2007/2/KE jispeċifikaw li l-Istati Membri ***jeħtiġilhom*** jistabbilixxu u joperaw network ta' servizzi għas-sejbien, għall-wiri, għat-tniżżil, għat-trasformazzjoni u għall-użu ta' settijiet ta' data ġeografika, u jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi u partijiet terzi jkunu jistgħu jorbtu s-settijiet u s-servizzi ta' data ġeografika tagħhom ma' dak in-network. Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tistabbilixxi l-qafas legali għal data miftuħa u tintroduċi l-kunċett ta' settijiet ta' data ta' valur għoli, definiti bħala data li hija assoċjata ma' benefiċċji importanti għas-soċjetà u għall-ekonomija meta terġa' tintuża, li tinkludi settijiet ta' data ġeografika. Skont id-Direttiva (UE) 2019/1024, is-settijiet ***ta' data*** ta' valur għoli jridu jsiru disponibbli għall-użu mill-ġdid f'format li jinqara mill-magni, permezz ta' interfaċċi xierqa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet u, fejn rilevanti, bħala tniżżil massiv. Skont l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva (UE) 2019/1024, dik id-Direttiva tistipula li d-Direttiva tirregola l-użu mill-ġdid ta' dokumenti eżistenti miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku u impriżi pubbliċi tal-Istati Membri, inklużi dokumenti li għalihom tapplika d-Direttiva 2007/2/KE. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mad-Direttiva (UE) 2019/1024 u biex jiġu evitati dispożizzjonijiet li jikkoinċidu jenħtieġ li jitħassru r-rekwiżiti biex jiġi stabbilit u operat network għas-servizzi tad-data ġeografika fid-Direttiva 2007/2/KE. ***Kwalunkwe rekwiżit li jifdal dwar is-sejbien, l-aċċess, il-wiri jew it-tniżżil ta' data ġeografika jenħtieġ li jiġi implimentat permezz ta' infrastrutturi tad-data nazzjonali, reġjonali, lokali jew tal-Unjoni eżistenti, fejn xieraq, u jenħtieġ li ma jirrikjedix li l-Istati Membri jew l-awtoritajiet pubbliċi jżommu sistemi paralleli, jistabbilixxu servizzi ta' network ġodda, japplikaw rekwiżiti tekniċi addizzjonali jew jintroduċu obbligi ta'***

rapportar addizzjonali.

Or. en

Emenda 23
Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-Artikoli 11 u 12 tad-Direttiva 2007/2/KE jispeċifikaw li l-Istati Membri ***għandhom*** jistabbilixxu u joperaw network ta' servizzi għas-sejbien, għall-wiri, għat-tniżżil, għat-trasformazzjoni u għall-użu ta' settijiet ta' data ġeografika, u jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi u partijiet terzi jkunu jistgħu jorbtu s-settijiet u s-servizzi ta' data ġeografika tagħhom ma' dak in-network. Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tistabbilixxi l-qafas legali għal data miftuħa u tintroduċi l-kunċett ta' settijiet ta' data ta' valur għoli, definiti bħala data li hija assoċjata ma' benefiċċji importanti għas-soċjetà u għall-ekonomija meta terġa' tintuża, li tinkludi settijiet ta' data ġeografika. Skont id-Direttiva (UE) 2019/1024, is-settijiet ***tad-data*** ta' valur għoli jridu jsiru disponibbli għall-użu mill-ġdid f'format li jinqara mill-magni, permezz ta' interfaċċi xierqa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet u, fejn rilevanti, bħala tniżżil massiv. Skont l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva (UE) 2019/1024, dik id-Direttiva tirregola l-użu mill-ġdid ta' dokumenti eżistenti miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku u impriżi pubbliċi tal-Istati Membri, inklużi dokumenti li għalihom tapplika d-Direttiva 2007/2/KE. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mad-Direttiva (UE) 2019/1024 u biex jiġu evitati dispożizzjonijiet li jikkoinċidu jenħtieġ li ***jitħassru r-rekwiżiti biex jiġi stabbilit*** u ***operat network għas-servizzi tad-data*** ġeografika ***fid-Direttiva***	(10) L-Artikoli 11 u 12 tad-Direttiva 2007/2/KE jispeċifikaw li l-Istati Membri ***jeħtiġilhom*** jistabbilixxu u joperaw network ta' servizzi għas-sejbien, għall-wiri, għat-tniżżil, għat-trasformazzjoni u għall-użu ta' settijiet ta' data ġeografika, u jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi u partijiet terzi jkunu jistgħu jorbtu s-settijiet u s-servizzi ta' data ġeografika tagħhom ma' dak in-network. Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tistabbilixxi l-qafas legali għal data miftuħa u tintroduċi l-kunċett ta' settijiet ta' data ta' valur għoli, definiti bħala data li hija assoċjata ma' benefiċċji importanti għas-soċjetà u għall-ekonomija meta terġa' tintuża, li tinkludi settijiet ta' data ġeografika. Skont id-Direttiva (UE) 2019/1024, is-settijiet ***ta' data*** ta' valur għoli jridu jsiru disponibbli għall-użu mill-ġdid f'format li jinqara mill-magni, permezz ta' interfaċċi xierqa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet u, fejn rilevanti, bħala tniżżil massiv. Skont l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva (UE) 2019/1024, dik id-Direttiva tirregola l-użu mill-ġdid ta' dokumenti eżistenti miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku u impriżi pubbliċi tal-Istati Membri, inklużi dokumenti li għalihom tapplika d-Direttiva 2007/2/KE. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mad-Direttiva (UE) 2019/1024 u biex jiġu evitati dispożizzjonijiet li jikkoinċidu jenħtieġ li ***r-rekwiżiti għas-servizzi tad-data ġeografika jiġu ssimplifikati*** u ***modernizzati b'mod***

2007/2/KE.	***newtrali mil-lat teknoloġiku. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li s-settijiet ta' data ġeografika u s-servizzi ta' data ġeografika, inklużi l-modi ta' forniment ibbażati fuq l-API, ikunu aċċessibbli permezz ta' interfaċċi miftuħa, standardizzati u interoperabbli. Dawn is-servizzi u l-interfaċċi jenħtieġ li jkunu bbażati fuq standards ġeospeċifiċi miftuħa u newtrali għall-manifattur, b'mod partikolari l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet rilevanti tal-ISO tal-Konsorzju Ġeospazjali Miftuħ (OGC).***

Or. de

Ġustifikazzjoni

L-użabbiltà tad-data ġeografika fl-Unjoni kollha tkompli tirrikjedi interfaċċi interoperabbli ġeospeċifiċi. Il-modernizzazzjoni tad-Direttiva INSPIRE għandha tirrikjedi b'mod espliċitu modi ta' forniment newtrali mil-lat teknoloġiku u bbażati fuq l-API. Dan jista' jiżgura li s-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti eżistenti tas-servizz tan-network ma twassalx għal soluzzjonijiet awtonomi inkompatibbli jew proprjetarji.

Emenda 24
Radan Kanev

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-Artikoli 11 u 12 tad-Direttiva 2007/2/KE jispeċifikaw li l-Istati Membri ***għandhom*** jistabbilixxu u joperaw network ta' servizzi għas-sejbien, għall-wiri, għat-tniżżil, għat-trasformazzjoni u għall-użu ta' settijiet ta' data ġeografika, u jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi u partijiet terzi jkunu jistgħu jorbtu s-settijiet u s-servizzi ta' data ġeografika tagħhom ma' dak in-network. Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tistabbilixxi l-qafas legali għal data miftuħa u tintroduċi l-kunċett ta' settijiet ta' data ta' valur għoli, definiti bħala data li hija assoċjata ma' benefiċċji importanti għas-soċjetà u għall-ekonomija meta terġa' tintuża, li tinkludi	L-Artikoli 11 u 12 tad-Direttiva 2007/2/KE jispeċifikaw li l-Istati Membri ***jeħtiġilhom*** jistabbilixxu u joperaw network ta' servizzi għas-sejbien, għall-wiri, għat-tniżżil, għat-trasformazzjoni u għall-użu ta' settijiet ta' data ġeografika, u jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi u partijiet terzi jkunu jistgħu jorbtu s-settijiet u s-servizzi ta' data ġeografika tagħhom ma' dak in-network. Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tistabbilixxi l-qafas legali għal data miftuħa u tintroduċi l-kunċett ta' settijiet ta' data ta' valur għoli, definiti bħala data li hija assoċjata ma' benefiċċji importanti għas-soċjetà u għall-ekonomija meta terġa' tintuża, li tinkludi

settijiet ta’ data ġeografika. Skont id-Direttiva (UE) 2019/1024, is-settijiet ***tad-data*** ta’ valur għoli jridu jsiru disponibbli għall-użu mill-ġdid f’format li jinqara mill-magni, permezz ta’ interfaċċi xierqa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet u, fejn rilevanti, bħala tniżżil massiv. Skont l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva (UE) 2019/1024, dik id-Direttiva tistipula li d-Direttiva tirregola l-użu mill-ġdid ta’ dokumenti eżistenti miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku u impriżi pubbliċi tal-Istati Membri, inklużi dokumenti li għalihom tapplika d-Direttiva 2007/2/KE. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mad-Direttiva (UE) 2019/1024 u biex jiġu evitati dispożizzjonijiet li jikkoinċidu jenħtieġ li jitħassru r-rekwiżiti biex jiġi stabbilit u operat network għas-servizzi tad-data ġeografika fid-Direttiva 2007/2/KE.

settijiet ta’ data ġeografika. Skont id-Direttiva (UE) 2019/1024, is-settijiet ***ta’ data*** ta’ valur għoli jridu jsiru disponibbli għall-użu mill-ġdid f’format li jinqara mill-magni, permezz ta’ interfaċċi xierqa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet u, fejn rilevanti, bħala tniżżil massiv. Skont l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva (UE) 2019/1024, dik id-Direttiva tistipula li d-Direttiva tirregola l-użu mill-ġdid ta’ dokumenti eżistenti miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku u impriżi pubbliċi tal-Istati Membri, inklużi dokumenti li għalihom tapplika d-Direttiva 2007/2/KE. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mad-Direttiva (UE) 2019/1024 u biex jiġu evitati dispożizzjonijiet li jikkoinċidu jenħtieġ li jitħassru r-rekwiżiti ***li hawn bħalissa*** biex jiġi stabbilit u operat network għas-servizzi tad-data ġeografika fid-Direttiva 2007/2/KE***, filwaqt li tinżamm il-possibbiltà għal kontribuzzjonijiet ta’ partijiet terzi, b’mod konsistenti ma’ liġijiet oħra tal-Unjoni dwar il-governanza tad-data u l-kondiviżjoni tad-data[9a]***.

Or. en

Emenda 25
Annalisa Corrado, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-Artikoli 11 u 12 tad-Direttiva 2007/2/KE jispeċifikaw li l-Istati Membri ***għandhom*** jistabbilixxu u joperaw network ta’ servizzi għas-sejbien, għall-wiri, għat-tniżżil, għat-trasformazzjoni u għall-użu ta’ settijiet ta’ data ġeografika, u jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi u partijiet terzi jkunu jistgħu jorbtu s-settijiet u s-servizzi ta’ data ġeografika tagħhom ma’ dak in-network. Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tistabbilixxi l-	L-Artikoli 11 u 12 tad-Direttiva 2007/2/KE jispeċifikaw li l-Istati Membri ***jeħtiġilhom*** jistabbilixxu u joperaw network ta’ servizzi għas-sejbien, għall-wiri, għat-tniżżil, għat-trasformazzjoni u għall-użu ta’ settijiet ta’ data ġeografika, u jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi u partijiet terzi jkunu jistgħu jorbtu s-settijiet u s-servizzi ta’ data ġeografika tagħhom ma’ dak in-network. Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tistabbilixxi l-

qafas legali għal data miftuħa u tintroduċi l-kunċett ta' settijiet ta' data ta' valur għoli, definiti bħala data li hija assoċjata ma' benefiċċji importanti għas-soċjetà u għall-ekonomija meta terġa' tintuża, li tinkludi settijiet ta' data ġeografika. Skont id-Direttiva (UE) 2019/1024, is-settijiet ***tad-data*** ta' valur għoli jridu jsiru disponibbli għall-użu mill-ġdid f'format li jinqara mill-magni, permezz ta' interfaċċi xierqa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet u, fejn rilevanti, bħala tniżżil massiv. Skont l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva (UE) 2019/1024, dik id-Direttiva tistipula li d-Direttiva tirregola l-użu mill-ġdid ta' dokumenti eżistenti miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku u impriżi pubbliċi tal-Istati Membri, inklużi dokumenti li għalihom tapplika d-Direttiva 2007/2/KE. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mad-Direttiva (UE) 2019/1024 u biex jiġu evitati dispożizzjonijiet li jikkoinċidu jenħtieġ li ***jitħassru*** r-rekwiżiti biex jiġi stabbilit u operat network għas-servizzi tad-data ġeografika fid-Direttiva 2007/2/KE.

qafas legali għal data miftuħa u tintroduċi l-kunċett ta' settijiet ta' data ta' valur għoli, definiti bħala data li hija assoċjata ma' benefiċċji importanti għas-soċjetà u għall-ekonomija meta terġa' tintuża, li tinkludi settijiet ta' data ġeografika. Skont id-Direttiva (UE) 2019/1024, is-settijiet ***ta' data*** ta' valur għoli jridu jsiru disponibbli għall-użu mill-ġdid f'format li jinqara mill-magni, permezz ta' interfaċċi xierqa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet u, fejn rilevanti, bħala tniżżil massiv. Skont l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva (UE) 2019/1024, dik id-Direttiva tistipula li d-Direttiva tirregola l-użu mill-ġdid ta' dokumenti eżistenti miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku u impriżi pubbliċi tal-Istati Membri, inklużi dokumenti li għalihom tapplika d-Direttiva 2007/2/KE. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mad-Direttiva (UE) 2019/1024 u biex jiġu evitati dispożizzjonijiet li jikkoinċidu jenħtieġ li r-rekwiżiti biex jiġi stabbilit u operat network għas-servizzi tad-data ġeografika fid-Direttiva 2007/2/KE ***jsiru inqas oneruż u jkunu limitati għall-kjarifika dwar kif l-Istati Membri jistgħu jużaw arranġamenti tekniċi xierqa għas-sejbien u l-aċċess***.

Or. en

Emenda 26
Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Marie-Luce Brasier-Clain, Valérie Deloge, Matthieu Valet, Mélanie Disdier, Catherine Griset

Proposta għal direttiva
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Jenħtieġ li s-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi ma twassalx għat-telf tal-għarfien espert ġeospazjali miksub mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2007/2/KE jew għat-tnaqqis tal-istandards għall-kwalità, it-traċċabbiltà u l-interoperabbiltà tad-

data ambjentali. L-Istati Membri jeħtiġilhom ikunu jistgħu jżommu jew itejbu l-infrastruttura nazzjonali u subnazzjonali tagħhom fejn din taħdem b'mod effettiv.

Or. fr

Emenda 27
Anja Arndt, Marc Jongen, Ivan David

Proposta għal direttiva
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Din id-Direttiva jenħtieġ li ma tintużax bħala bażi għal estensjoni tal-kompetenzi tal-Unjoni fil-qasam tal-monitoraġġ ambjentali, l-ippjanar tal-ispazju jew l-użu tal-art.

Or. de

Ġustifikazzjoni

L-ippjanar ġeografiku, l-użu tal-art u l-ippjanar territorjali huma kompetenzi ewlenin tal-Istati Membri

Emenda 28
Anja Arndt, Marc Jongen, Ivan David

Proposta għal direttiva
Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) Din id-Direttiva jenħtieġ li ma twassalx għal obbligi finanzjarji jew tekniċi addizzjonali għall-Istati Membri, ir-reġjuni jew l-awtoritajiet lokali mingħajr appoġġ finanzjarju adegwat mill-Unjoni.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżiti l-ġodda tad-data jiġġeneraw kostijiet sinifikanti tal-IT u tal-persunal li ma jistgħux jiġu mgħoddija b'mod unilaterali lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali.

Emenda 29
Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Marie-Luce Brasier-Clain, Valérie Deloge, Matthieu Valet, Mélanie Disdier, Catherine Griset

Proposta għal direttiva
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Id-data ġeografika u ambjentali meħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-ilma, il-ħamrija, l-arja, il-foresti, il-kosta u l-bijodiversità, kif ukoll għall-prevenzjoni tal-perikli naturali u industrijali, jenħtieġ li tkun aċċessibbli mingħajr ħlas għall-pubbliku, għall-awtoritajiet pubbliċi u għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, soġġett għal dawk ir-restrizzjonijiet li huma strettament meħtieġa għas-sigurtà pubblika, id-difiża nazzjonali, il-protezzjoni tad-data personali u l-protezzjoni ta' infrastruttura sensittiva.

Or. fr

Emenda 30
Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Marie-Luce Brasier-Clain, Valérie Deloge, Matthieu Valet, Mélanie Disdier, Catherine Griset

Proposta għal direttiva
Premessa 11b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11b) Id-data ġeografika u ambjentali miftuħa trid tikkontribwixxi għall-protezzjoni ambjentali, l-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku, l-azzjoni mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, ir-riċerka

xjentifika, il-prevenzjoni ta' perikli naturali u industrijali, u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma, il-ħamrija, il-foresti, il-kosta u l-bijodiversità. Dan ma jridx iwassal għall-ġbir tal-massa ta' data pubblika, inkluża data ambjentali, minn ftit pjattaformi diġitali kbar, jew biex tali data terġa' tintuża għal skopijiet li jmorru kontra l-interess pubbliku. Il-kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid tad-data jenħtieġ li jipprevjenu prattiki li jinvolvu l-approprjazzjoni esklużiva, l-imblukkar tekniku jew il-bejgħ mill-ġdid mhux xieraq ta' data prodotta jew iffinanzjata mill-awtoritajiet pubbliċi.

Or. fr

Emenda 31
Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Marie-Luce Brasier-Clain, Valérie Deloge, Matthieu Valet, Mélanie Disdier, Catherine Griset

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2007/2/KE jirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi u topera ġeoportal INSPIRE. Dak il-portal ħadem bħala l-punt ta' aċċess ċentrali Ewropew għad-data pprovduta mill-Istati Membri u mill-pajjiżi tal-EFTA skont id-Direttiva 2007/2/KE. Il-portal jippermetti l-monitoraġġ tad-disponibbiltà tas-settijiet ***tad-data***, is-sejbien ta' settijiet ***tad-data*** xierqa abbażi tad-deskrizzjonijiet tagħhom, u l-aċċess għal settijiet ***tad-data*** magħżula permezz tas-servizzi ta' viżjoni jew ta' tniżżil tagħhom. Mill-2021, is-sit web data.europa.eu jaġixxi bħala punt ta' aċċess uniku għad-data miftuħa ppubblikata mill-istituzzjonijiet ***tal-Unjoni***[11], fuq portali nazzjonali tal-Istati Membri u pajjiżi terzi, kif ukoll minn organizzazzjonijiet internazzjonali. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-aċċess għal	(12) L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2007/2/KE jirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi u topera ġeoportal INSPIRE. Dak il-portal ħadem bħala l-punt ta' aċċess ċentrali Ewropew għad-data pprovduta mill-Istati Membri u mill-pajjiżi tal-EFTA skont id-Direttiva 2007/2/KE. Il-portal jippermetti l-monitoraġġ tad-disponibbiltà tas-settijiet ***ta' data***, is-sejbien ta' settijiet ***ta' data*** xierqa abbażi tad-deskrizzjonijiet tagħhom, u l-aċċess għal settijiet ***ta' data*** magħżula permezz tas-servizzi ta' viżjoni jew ta' tniżżil tagħhom. Mill-2021, is-sit web data.europa.eu jaġixxi bħala punt ta' aċċess uniku għad-data miftuħa ppubblikata mill-istituzzjonijiet ***tal-Unjoni***[40], fuq portali nazzjonali tal-Istati Membri u pajjiżi terzi, kif ukoll minn organizzazzjonijiet internazzjonali. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-aċċess għal

settijiet ta’ data ġeografika u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li jitħassar l-obbligu fuq il-Kummissjoni li topera l-ġeoportal INSPIRE.	settijiet ta’ data ġeografika u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li jitħassar l-obbligu fuq il-Kummissjoni li topera l-ġeoportal INSPIRE***. In-nuqqas ta’ aġġornament jew il-waqfien tal-ġeoportal INSPIRE jenħtieġ li ma jwassalx biex tiddgħajjef l-infrastruttura tad-data ġeografika nazzjonali, reġjonali jew subnazzjonali. Il-portali nazzjonali tad-data ġeografika jibqgħu essenzjali sabiex jiġu żgurati l-kwalità, l-aġġornament, il-kuntestwalizzazzjoni u l-aċċessibbiltà tad-data li jipproduċu l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri. Jenħtieġ li l-portal Ewropew data.europa.eu jiffaċilita s-sejbien u l-interkonnessjoni ta’ tali data, mingħajr ma jissostitwixxi l-infrastruttura nazzjonali eżistenti jew iqajjem dubji dwar l-awtorità tal-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi tad-data tagħhom stess.***
[40] Deċiżjoni minn April 2021?	[40] Deċiżjoni minn April 2021?

Or. fr

Emenda 32
Valentina Palmisano

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2007/2/KE jirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi u topera ġeoportal INSPIRE. Dak il-portal ħadem bħala l-punt ta’ aċċess ċentrali Ewropew għad-data pprovduta mill-Istati Membri u mill-pajjiżi tal-EFTA skont id-Direttiva 2007/2/KE. Il-portal jippermetti l-monitoraġġ tad-disponibbiltà tas-settijiet ***tad-data***, is-sejbien ta’ settijiet ***tad-data*** xierqa abbażi tad-deskrizzjonijiet tagħhom, u l-aċċess għal settijiet ***tad-data*** magħżula permezz tas-servizzi ta’ viżjoni jew ta’ tniżżil tagħhom. Mill-2021, is-sit	(12) L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2007/2/KE jirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi u topera ġeoportal INSPIRE. Dak il-portal ħadem bħala l-punt ta’ aċċess ċentrali Ewropew għad-data pprovduta mill-Istati Membri u mill-pajjiżi tal-EFTA skont id-Direttiva 2007/2/KE. Il-portal jippermetti l-monitoraġġ tad-disponibbiltà tas-settijiet ***ta’ data***, is-sejbien ta’ settijiet ***ta’ data*** xierqa abbażi tad-deskrizzjonijiet tagħhom, u l-aċċess għal settijiet ***ta’ data*** magħżula permezz tas-servizzi ta’ viżjoni jew ta’ tniżżil tagħhom. Mill-2021, is-sit

web data.europa.eu jaġixxi bħala punt ta' aċċess uniku għad-data miftuħa ppubblikata mill-istituzzjonijiet ***tal-Unjoni***[11], fuq portali nazzjonali tal-Istati Membri u pajjiżi terzi, kif ukoll minn organizzazzjonijiet internazzjonali. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-aċċess għal settijiet ta' data ġeografika u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li ***jitħassar l-obbligu*** fuq ***il-Kummissjoni*** li ***topera l-ġeoportal INSPIRE***.	web data.europa.eu jaġixxi bħala punt ta' aċċess uniku għad-data miftuħa ppubblikata mill-istituzzjonijiet ***tal-Unjoni***[40], fuq portali nazzjonali tal-Istati Membri u pajjiżi terzi, kif ukoll minn organizzazzjonijiet internazzjonali. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-aċċess għal settijiet ta' data ġeografika u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li ***l-funzjonalitajiet tal-ġeoportal INSPIRE jiġu integrati fil-portal Ewropew tad-data, u b'hekk jiġu żgurati funzjonalitajiet xierqa ta' tfittxija ġeospazjali, wiri*** fuq ***mappa u tniżżil ta' sett ta' data ġeografiku. Dawn il-funzjonalitajiet jenħtieġ li jippermettu lill-utenti jfittxu data ġeografika skont il-punt jew iż-żona tal-mappa, jaraw is-settijiet ta' data ġeografika rilevanti fuq mappa, juru u jaħbu saffi tematiċi, jaċċedu għall-metadata rilevanti u jidentifikaw b'mod ċar is-sors ta' din id-data u l-awtorità pubblika responsabbli għaliha.***
[40] Deċiżjoni minn April 2021?	[40] Deċiżjoni minn April 2021?

Or. it

Emenda 33
Beatrice Timgren, Laurence Trochu

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2007/2/KE jirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi u topera ġeoportal INSPIRE. Dak il-portal ħadem bħala l-punt ta' aċċess ċentrali Ewropew għad-data pprovduta mill-Istati Membri u mill-pajjiżi tal-EFTA skont id-Direttiva 2007/2/KE. Il-portal jippermetti l-monitoraġġ tad-disponibbiltà tas-settijiet ***tad-data***, is-sejbien ta' settijiet ***tad-data*** xierqa abbażi tad-deskrizzjonijiet	L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2007/2/KE jirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi u topera ġeoportal INSPIRE. Dak il-portal ħadem bħala l-punt ta' aċċess ċentrali Ewropew għad-data pprovduta mill-Istati Membri u mill-pajjiżi tal-EFTA skont id-Direttiva 2007/2/KE. Il-portal jippermetti l-monitoraġġ tad-disponibbiltà tas-settijiet ***ta' data***, is-sejbien ta' settijiet ***ta' data*** xierqa abbażi tad-deskrizzjonijiet tagħhom,

tagħhom, u l-aċċess għal settijiet ***tad-data*** magħżula permezz tas-servizzi ta' viżjoni jew ta' tniżżil tagħhom. Mill-2021, is-sit web data.europa.eu jaġixxi bħala punt ta' aċċess uniku għad-data miftuħa ppubblikata mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni[40] , fuq portali nazzjonali tal-Istati Membri u pajjiżi terzi, kif ukoll minn organizzazzjonijiet internazzjonali. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-aċċess għal settijiet ta' data ġeografika u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li jitħassar l-obbligu fuq il-Kummissjoni li topera l-ġeoportal INSPIRE.	u l-aċċess għal settijiet ***ta' data*** magħżula permezz tas-servizzi ta' viżjoni jew ta' tniżżil tagħhom. Mill-2021, is-sit web data.europa.eu jaġixxi bħala punt ta' aċċess uniku għad-data miftuħa ppubblikata mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni[40] , fuq portali nazzjonali tal-Istati Membri u pajjiżi terzi, kif ukoll minn organizzazzjonijiet internazzjonali. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-aċċess għal settijiet ta' data ġeografika u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li jitħassar l-obbligu fuq il-Kummissjoni li topera l-ġeoportal INSPIRE***. L-użu ta' data.europa.eu jenħtieġ li jibni fuq portali, katalgi u mekkaniżmi ta' ġbir nazzjonali, reġjonali u lokali eżistenti, u jenħtieġ li ma jirrikjedix li l-Istati Membri jew l-awtoritajiet pubbliċi jidduplikaw is-settijiet ta' data, iżommu sistemi ta' pubblikazzjoni paralleli jew joħolqu kanali ta' rapportar amministrattivi ġodda.***
[40] Deċiżjoni minn April 2021?	[40] Deċiżjoni minn April 2021?

Or. en

Emenda 34
Anja Arndt, Marc Jongen, Ivan David

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2007/2/KE jirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi u topera ġeoportal INSPIRE. Dak il-portal ħadem bħala l-punt ta' aċċess ċentrali Ewropew għad-data pprovduta mill-Istati Membri u mill-pajjiżi tal-EFTA skont id-Direttiva 2007/2/KE. Il-portal jippermetti l-monitoraġġ tad-disponibbiltà tas-settijiet ***tad-data***, is-sejbien ta' settijiet ***tad-data*** xierqa abbażi tad-deskrizzjonijiet	(12) L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2007/2/KE jirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi u topera ġeoportal INSPIRE. Dak il-portal ħadem bħala l-punt ta' aċċess ċentrali Ewropew għad-data pprovduta mill-Istati Membri u mill-pajjiżi tal-EFTA skont id-Direttiva 2007/2/KE. Il-portal jippermetti l-monitoraġġ tad-disponibbiltà tas-settijiet ***ta' data***, is-sejbien ta' settijiet ***ta' data*** xierqa abbażi tad-deskrizzjonijiet

tagħhom, u l-aċċess għal settijiet ***tad-data*** magħżula permezz tas-servizzi ta' viżjoni jew ta' tniżżil tagħhom. Mill-2021, is-sit web data.europa.eu jagħixxi bħala punt ta' aċċess uniku għad-data miftuħa ppubblikata mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni[40], fuq portali nazzjonali tal-Istati Membri u pajjiżi terzi, kif ukoll minn organizzazzjonijiet internazzjonali. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-aċċess għal settijiet ta' data ġeografika u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li jitħassar l-obbligu fuq il-Kummissjoni li topera l-ġeoportal INSPIRE.	tagħhom, u l-aċċess għal settijiet ***ta' data*** magħżula permezz tas-servizzi ta' viżjoni jew ta' tniżżil tagħhom. Mill-2021, is-sit web data.europa.eu jagħixxi bħala punt ta' aċċess uniku għad-data miftuħa ppubblikata mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni[40], fuq portali nazzjonali tal-Istati Membri u pajjiżi terzi, kif ukoll minn organizzazzjonijiet internazzjonali. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-aċċess għal settijiet ta' data ġeografika u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li jitħassar l-obbligu fuq il-Kummissjoni li topera l-ġeoportal INSPIRE***, mingħajr ma jkun hemm l-obbligu li jintuża portal ieħor għall-Unjoni kollha. Id-Deċiżjoni li jintużaw portali tad-data nazzjonali jew għall-Unjoni kollha tibqa' f'idejn l-Istati Membri.***
[40] Deċiżjoni minn April 2021?	[40] Deċiżjoni minn April 2021?

Or. de

Ġustifikazzjoni

It-tħassir tal-ġeoportal INSPIRE ma jridx jirriżulta f'li l-Istati Membri jiġu diretti b'mod effettiv biex jużaw portal tad-data ieħor għall-Unjoni kollha. Id-deċiżjoni dwar jekk u permezz ta' liema portali settijiet ta' data ġeografika jsiru disponibbli trid tibqa' f'idejn l-Istati Membri.

Emenda 35
Valentina Palmisano

Proposta għal direttiva
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Is-simplifikazzjoni tal-obbligi stabbiliti mid-Direttiva 2007/2/KE jenħtieġ li ma taffettwax b'mod negattiv il-kwalità, l-affidabbiltà, l-iskopribbiltà, l-interoperabbiltà u l-koerenza semantika tas-settijiet ta' data ġeografika li jkunu diġà saru disponibbli permezz tal-

infrastrutturi tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali. It-tranżizzjoni lejn qafas li jkun aktar allinjat mal-leġiżlazzjoni orizzontali tal-Unjoni dwar id-data jenħtieġ li żżomm il-valur miżjud tal-infrastruttura Ewropea għall-informazzjoni ġeografika, filwaqt li tevita l-frammentazzjoni metodoloġika fost l-Istati Membri u l-livelli differenti tal-amministrazzjoni pubblika.

Or. it

Emenda 36
Radan Kanev

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) L-Artikolu 16 tad-Direttiva 2007/2/KE jistabbilixxi s-setgħa li l-Kummissjoni tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi u kriterji minimi ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-network imsemmija fl-Artikoli 11 u 12 ta' dik id-Direttiva. Peress li l-Artikoli 11 u 12 tad-Direttiva 2007/2/KE qed jitħassru, dik is-setgħa ma għadhiex meħtieġa.	L-Artikolu 16 tad-Direttiva 2007/2/KE jistabbilixxi s-setgħa li l-Kummissjoni tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi u kriterji minimi ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-network imsemmija fl-Artikoli 11 u 12 ta' dik id-Direttiva. Peress li l-Artikoli 11 u 12 tad-Direttiva 2007/2/KE qed jitħassru ***parzjalment***, dik is-setgħa ma għadhiex meħtieġa.

Or. en

Emenda 37
Beatrice Timgren, Laurence Trochu

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) L-Artikolu 17 tad-Direttiva 2007/2/KE jirrikjedi li l-Istati Membri jadottaw miżuri li ***jagħmluha*** possibbli li d-data ġeografika miġbura f'livell wieħed	L-Artikolu 17 tad-Direttiva 2007/2/KE jirrikjedi li l-Istati Membri jadottaw miżuri li ***jagħmlu*** possibbli li d-data ġeografika miġbura f'livell wieħed ta' awtorità

ta’ awtorità pubblika tiġi kondiviża bejn il-livelli differenti kollha tal-awtoritajiet pubbliċi u li jiżguraw li d-data u s-servizzi ġeografiċi jsiru disponibbli b’kundizzjonijiet li ma jillimitawx l-użu estensiv tagħhom. Skont id-Direttiva (UE) 2019/1024, id-data hija miftuħa b’mod awtomatiku, li tapplika wkoll għad-data ġeografika, inklużi s-settijiet ta’ data ġeografika li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2007/2/KE. Għalhekk, l-Artikolu 17 jenħtieġ li jitħassar ***għall-fini tas-simplifikazzjoni tal-qafas*** legali u ***l-evitar ta’ regoli*** li ***jikkoinċidu***.

pubblika tiġi kondiviża bejn il-livelli differenti kollha tal-awtoritajiet pubbliċi u li jiżguraw li d-data u s-servizzi ġeografiċi jsiru disponibbli b’kundizzjonijiet li ma jillimitawx l-użu estensiv tagħhom. Skont id-Direttiva (UE) 2019/1024, id-data hija miftuħa b’mod awtomatiku, li tapplika wkoll għad-data ġeografika, inklużi s-settijiet ta’ data ġeografika li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2007/2/KE. Għalhekk, l-Artikolu 17 jenħtieġ li jitħassar ***biex jiġi simplifikat il-qafas*** legali u ***evitat li r-regoli jikkoinċidu. Dak it-tħassir jenħtieġ li ma jwaqqafx lill-awtoritajiet pubbliċi milli jaċċedu għad-data ġeografika jew jiskambjawha fejn xieraq biex jitwettqu kompiti pubbliċi u f’konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali. Fejn possibbli, tali aċċess u skambju jenħtieġ li jiddependu fuq miżuri u infrastrutturi eżistenti tal-Unjoni u nazzjonali, u jenħtieġ li jibqgħu soġġetti għal restrizzjonijiet applikabbli li jipproteġu s-sigurtà pubblika, l-ordni pubblika, id-difiża nazzjonali, ir-relazzjonijiet internazzjonali, is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi ta’ informazzjoni, l-infrastruttura kritika, il-kunfidenzjalità kummerċjali jew industrijali, is-sigrieti kummerċjali, id-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali, id-data personali u interessi pubbliċi jew privati leġittimi oħra protetti skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali.***

Or. en

Emenda 38
Annalisa Corrado, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) L-Artikolu 17 tad-Direttiva 2007/2/KE jirrikjedi li l-Istati Membri	L-Artikolu 17 tad-Direttiva 2007/2/KE jirrikjedi li l-Istati Membri jadottaw miżuri

jadottaw miżuri li jagħmlu possibbli li d-data ġeografika miġbura f'livell wieħed ta' awtorità pubblika tiġi kondiviża bejn il-livelli differenti kollha tal-awtoritajiet pubbliċi u li jiżguraw li d-data u s-servizzi ġeografiċi jsiru disponibbli b'kundizzjonijiet li ma jillimitawx l-użu estensiv tagħhom. Skont id-Direttiva (UE) 2019/1024, id-data hija miftuħa b'mod awtomatiku, li tapplika wkoll għad-data ġeografika, inklużi s-settijiet ta' data ġeografika li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2007/2/KE. Għalhekk, l-Artikolu 17 jenħtieġ li ***jithassar għall-fini tas-simplifikazzjoni tal-qafas*** legali u ***l-evitar ta'*** regoli li jikkoinċidu.	li jagħmlu possibbli li d-data ġeografika miġbura f'livell wieħed ta' awtorità pubblika tiġi kondiviża bejn il-livelli differenti kollha tal-awtoritajiet pubbliċi u li jiżguraw li d-data u s-servizzi ġeografiċi jsiru disponibbli b'kundizzjonijiet li ma jillimitawx l-użu estensiv tagħhom. Skont id-Direttiva (UE) 2019/1024, id-data hija miftuħa b'mod awtomatiku, li tapplika wkoll għad-data ġeografika, inklużi s-settijiet ta' data ġeografika li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2007/2/KE. Għalhekk, l-Artikolu 17 jenħtieġ li ***jiffoka fuq li jiżgura li l-awtoritajiet pubbliċi jkunu jistgħu jaċċedu għad-data ġeografika meħtieġa biex jitwettqu kompiti pubbliċi b'impatt ambjentali u jiskambjawha, sabiex jiġi ssimplifikat il-qafas*** legali u ***jiġu evitati*** regoli li jikkoinċidu.
	Or. en

Emenda 39
Valentina Palmisano

Proposta għal direttiva
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Minħabba l-importanza strateġika tad-data ġeografika li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2007/2/KE, jenħtieġ li jiġi żgurat li din id-data ġeografika tingħabar, tinħażen, tiġi pproċessata u protetta fit-territorju Ewropew u taħt il-ġuriżdizzjoni legali Ewropea. Dan se jsaħħaħ iċ-ċertezza legali, isaħħaħ il-fiduċja fil-kondivižjoni tad-data tas-settur pubbliku u jallinja l-qafas GreenData4All mal-objettivi tas-sovranità diġitali, taċ-ċibersigurtà u tal-awtonomija strateġika tal-Unjoni.
	Or. it

Emenda 40
Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Marie-Luce Brasier-Clain, Valérie Deloge, Matthieu Valet, Mélanie Disdier, Catherine Griset

Proposta għal direttiva
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Fid-dawl tal-importanza strateġika tad-data ġeografika li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2007/2/KE, jenħtieġ li jiġi żgurat li tali data ġeografika tinġabar, tinħażen, tiġi pproċessata u protetta fit-territorju Ewropew u taħt il-ġuriżdizzjoni Ewropea sabiex tissaħħaħ iċ-ċertezza legali għad-data tas-settur pubbliku, bħala parti mill-objettivi tal-Unjoni dwar is-sovranità diġitali, iċ-ċibersigurtà u l-awtonomija strateġika.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Emenda bbażata fuq il-proposti tal-KESE

Emenda 41
Valentina Palmisano

Proposta għal direttiva
Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(21a) L-ekwità interġenerazzjonali tirrikjedi politiki orjentati lejn il-futur li jqisu l-konsegwenzi fit-tul li d-deċiżjonijiet li jittieħdu llum ikollhom għall-ġenerazzjonijiet futuri, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet ambjentali u soċjali. Dan il-prinċipju huwa partikolarment rilevanti għall-ġbir, l-ipproċessar u l-pubblikazzjoni ta' data**

ġeografika, peress li tali data qed tintuża dejjem aktar biex tinforma l-għażliet ta' politika li għandhom effetti dejjiema fuq l-ambjent, l-ippjanar tal-użu tal-art, il-prevenzjoni tar-riskju u l-kwalità tal-ħajja. F'dan il-kuntest, l-użu ta' għodod diġitali avvanzati, inklużi sistemi bbażati fuq l-intelliġenza artifiċjali, jenħtieġ li jimxi id f'id ukoll ma' salvagwardji xierqa dwar il-kwalità, l-affidabbiltà, it-trasparenza, it-traċċabbiltà u s-sorveljanza pubblika tad-data. It-tranżizzjoni mid-Direttiva INSPIRE għal qafas GreenData4All li huwa adattat għall-isfidi li ġejjin hija għalhekk opportunità biex jiġi żgurat li l-evoluzzjoni tal-ekosistema Ewropea tad-data ġeografika tappoġġa deċiżjonijiet pubbliċi responsabbli, sostenibbli u orjentati fit-tul.

Or. it

Emenda 42
Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Marie-Luce Brasier-Clain, Valérie Deloge, Matthieu Valet, Mélanie Disdier, Catherine Griset

Proposta għal direttiva
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva ***ma jistgħux*** jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda ***pjuttost*** jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti ta' din l-azzjoni, ***jinkisbu*** aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.	(25) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva ***jistgħu*** jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti ta' din l-azzjoni, ***jiġu appoġġati*** aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi. ***Madankollu, l-infrastrutturi nazzjonali ta' data ġeografika jibqgħu primarjament ir-***

responsabbiltà tal-Istati Membri. L-azzjoni tal-Unjoni skont din id-Direttiva jenħtieġ li tkun limitata biex tiżgura l-interoperabbiltà meħtieġa bejn dawk l-infrastrutturi sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni transfruntiera, mingħajr ma jkun hemm impatt fuq l-organizzazzjoni, il-governanza jew l-ospitar nazzjonali ta' dawk l-infrastrutturi.

Or. fr

Emenda 43
Sander Smit

Proposta għal direttiva
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25 a) Diversi atti legali tal-Unjoni jiddependu fuq id-Direttiva 2007/2/KE għall-formati tekniċi, l-ispeċifikazzjonijiet tad-data u l-aċċess pubbliku għad-data ġeografika, inkluż għar-rapportar ambjentali allinjat permezz tar-Regolament (UE) 2019/1010 u għall-obbligi ta' monitoraġġ u rapportar stabbiliti fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) 2024/1991, li r-rapporti ta' progress taħtu jridu jsiru disponibbli għall-pubbliku f'konformità ma' din id-Direttiva. Meta din id-Direttiva tneħħi l-ispeċifikazzjonijiet armonizzati tad-data jew l-obbligu li jiġu pprovduti servizzi tan-network, l-obbligi relatati mad-data u tal-aċċess pubbliku f'dawk l-atti jenħtieġ li ma jirrikjedux livell ta' armonizzazzjoni jew aċċessibbiltà li din id-Direttiva ma tibqax tiggarantixxi. Meta l-Kummissjoni tivvaluta l-konformità jew il-progress tal-Istati Membri abbażi ta' data ġeografika li ma tkunx għadha soġġetta għal speċifikazzjonijiet armonizzati, jenħtieġ li tqis kif xieraq id-differenzi fil-granularità, fil-kwalità u fil-metodoloġija tad-data

nazzjonali sottostanti, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn l-Istati Membri.

Or. en

Emenda 44
Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Marie-Luce Brasier-Clain, Valérie Deloge, Matthieu Valet, Mélanie Disdier, Catherine Griset

Proposta għal direttiva
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) Il-protezzjoni ta' ċerta data ġeografika relatata mal-infrastruttura kritika u l-entitajiet kritiċi hija integrali għas-sigurtà pubblika u r-reżiljenza tal-Istati Membri. F'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2555 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha u d-Direttiva (UE) 2022/2557 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi (CER), jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrestrinġu l-aċċess għal ċerta data ġeografika meta t-tixrid tagħha jkun jista' jimmina s-sigurtà jew ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika jew l-entitajiet kritiċi.

Or. fr

Emenda 45
Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Marie-Luce Brasier-Clain, Valérie Deloge, Matthieu Valet, Mélanie Disdier, Catherine Griset

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 1a

Il-waqfien tal-ġeoportal INSPIRE ma għandux idgħajjef ir-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-organizzazzjoni, il-ġestjoni, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tal-portali ta' data ġeografika nazzjonali, reġjonali jew subnazzjonali tagħhom.

Il-portali nazzjonali għandhom jibqgħu l-punti ta' aċċess ewlenin għas-settijiet ta' data ġeografika prodotti jew mantnuti mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri.

Il-portal Ewropew data.europa.eu għandu jiffaċilita s-sejbien, l-interkonnessjoni u l-użu mill-ġdid ta' tali data, mingħajr ma jissostitwixxi l-infrastruttura nazzjonali eżistenti."

Or. fr

Emenda 46
Radan Kanev

Proposta għal direttiva
Artikolu 1a – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 3 – punti 5, 7 u 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) fl-Artikolu 3, jitħassru l-punti 5, 7, ***8 u 10***;	fl-Artikolu 3, jitħassru l-punti 5, 7 ***u*** 8;

Or. en

Emenda 47
Sander Smit

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 3 – punti 5 u 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) fl-Artikolu 3, jitħassru l-punti 5***, 7,*** ***8*** u 10;	fl-Artikolu 3, jitħassru l-punti 5 u 10;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjonijiet ta' "interoperabbiltà" (punt 7) u "oġġett ġeografiku" (punt 8) mhumiex obsoleti; huma jistabbilixxu fehim komuni tal-komponenti ewlenin tal-qafas ġeospazjali, kif innotat minn diversi delegazzjonijiet fil-Kunsill. Dawn jibqgħu meħtieġa jekk jiġi ppreservat livell minimu ta' interoperabbiltà fid-Direttiva.

Emenda 48
Daniel Buda

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 3 – punt 10a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Fl-Artikolu 3(11), tiżdied id-definizzjoni li ġejja:
	10a. "interfaċċa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet" jew "API" tfisser interfaċċa tal-web li tinqara minn magna li tippermetti l-aċċess awtomatizzat għal data ġeografika permezz ta' standards miftuħa, dokumentati u interoperabbli, u l-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid tagħhom.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jiġi stabbilit perkors ċar lejn l-interoperabbiltà moderna u d-Data Miftuħa, tiġi evitata l-perpetwazzjoni bla tmiem tal-infrastrutturi storiċi u gradwalment ikun hemm allinjament mal-HVD u mal-ekosistemi moderni tal-użu mill-ġdid tad-data.

Emenda 49
Radan Kanev

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fil-paragrafu 1, il-punt (c)(ii) ***jitħassar;***	fil-paragrafu 1, il-punt (c)(ii) ***huwa sostitwit b'dan li ġej:*** ***"parti terza, li s-servizzi rilevanti jkunu saru disponibbli għaliha b'applikazzjoni tal-Liġi tal-Unjoni dwar il-governanza tad-data u l-kondiviżjoni tad-data[9a]."***

Or. en

Emenda 50
Beatrice Timgren, Laurence Trochu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 4 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 22a sabiex temenda l-Annessi I, II u III billi tadatta d-deskrizzjoni tat-temi eżistenti tad-data fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u ekonomiċi.	"7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 22a ***biss*** sabiex temenda l-Annessi I, II u III billi tadatta d-deskrizzjoni tat-temi eżistenti tad-data fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u ekonomiċi. ***Tali atti delegati ma għandhomx iżidu temi ġodda ta' data, jestendu l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, jew jimponu obbligi addizzjonali ta' ħolqien ta' data, ġbir ta' data, kondiviżjoni ta' data, obbligi tekniċi, ta' interoperabbiltà jew ta' rapportar fuq l-Istati Membri, l-awtoritajiet pubbliċi jew l-entitajiet privati."***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jistgħu jkunu meħtieġa aġġornamenti tekniċi, iżda l-atti delegati ma jridux jintużaw biex

jespandu l-kamp ta' applikazzjoni ta' INSPIRE jew joħolqu obbligi ġodda.

Emenda 51
Anja Arndt, Marc Jongen, Ivan David

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ba (ġdid)
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 4 – paragrafu 7a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta japplikaw ir-rekwiżiti tekniċi u amministrattivi ta' din id-Direttiva, jitqiesu kif xieraq il-kapaċitajiet umani, finanzjarji u diġitali tal-awtoritajiet reġjonali u lokali u li ma jiġi impost l-ebda piż amministrattiv żejjed.

Or. de

Ġustifikazzjoni

L-implimentazzjoni spiss isseħħ fil-livell lokali. Muniċipalitajiet iżgħar ma għandhomx biżżejjed riżorsi għal rekwiżiti kumplessi tad-data tal-UE.

Emenda 52
Daniel Buda

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – parti introduttorja
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt ea

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:	(3) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:
	Jiżdiedu żewġ punti addizzjonali:
	(ea) informazzjoni li tippermetti lill-utenti jidentifikaw u jużaw mekkaniżmi biex jaċċessaw settijiet ta' data ġeografika u servizzi relatati, inklużi punti ta' tmiem rilevanti għas-servizz, Interfaċċi għall-Ipprogrammar tal-Applikazzjonijiet (APIs) u faċilitajiet ta' tniżżil massiv;

(g) ir-referenzi għall-iskemi tad-data, għall-kodiċijiet u għat-temi użati, kif ukoll għall-formati dokumentati pubblikament, li jinqraw mill-magni u miftuħa li huma rikonoxxuti fil-livell tal-Unjoni jew internazzjonali u li fihom isiru disponibbli settijiet ta' data ġeografika, kif xieraq.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Este importantă consolidarea metadatelor pentru a transporta informații privind „capacitatea de acces" pentru a asigura continuitatea în cazul în care obligațiile detaliate de servicii sunt reduse. În acest fel se menține un nivel minim de îndrumare și convergență la nivel european în ceea ce privește structura și conținutul metadatelor; se evită eliminarea completă a elementelor comune necesare pentru reutilizarea datelor și interoperabilitate; se oferă flexibilitate statelor membre în contextul simplificării Directivei INSPIRE; se susține convergența treptată către ecosistemul Datelor Deschise și al Seturilor de Date cu Valoare Mare (HVD), fără a introduce obligații tehnice excesiv de rigide; se facilitează păstrarea unui nivel minim de interoperabilitate necesar pentru descoperirea și reutilizarea transfrontalieră a datelor spațiale.

Emenda 53
Valentina Palmisano

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, filwaqt li jitqiesu l-istandards internazzjonali u r-rekwiżiti tal-utenti rilevanti u eżistenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-metadata ***ta' validazzjoni***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 22b(2);	4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, filwaqt li jitqiesu l-istandards internazzjonali u r-rekwiżiti tal-utenti rilevanti u eżistenti, b'mod partikolari fir-rigward ***il-kwalità, il-validazzjoni, l-aġġornar, is-sors, l-iskala, il-kundizzjonijiet għall-aċċess u għall-użu, u l-koerenza semantika*** tal-metadata. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 22b(2);

Or. it

Emenda 54
Valentina Palmisano

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 6, Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-Artikoli 6 sa 7 jitħassru.	***imħassar***

Or. it

Emenda 55
Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***L-Artikoli*** 6 ***sa 7 jitħassru***.	4. ***L-Artikolu*** 6 ***jitħassar***.

Or. de

(Emenda editorjali fid-dawl tal-emenda tal-istess awtur li tissostitwixxi l-Artikolu 7 minflok it-tħassir.)

Emenda 56
Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li

ġej:

"(1) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-forniment ta' settijiet ta' data ġeografika u servizzi ta' data ġeografika, inkluż permezz ta' interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet, ikun ibbażat fuq standards miftuħa, dokumentati, newtrali għall-manifattur u ġeospeċifiċi.

(2) L-istandards imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu, b'mod partikolari, l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet rilevanti tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) u l-istandards tal-API tal-Konsorzju Ġeospazjali Miftuħ (OGC) jew speċifikazzjonijiet miftuħa ekwivalenti.

(3) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-soluzzjonijiet tekniċi magħżula ma jfixklux l-iskopribbiltà, l-aċċessibbiltà, l-utiliżabbiltà u l-użu mill-ġdid transfruntiera tad-data ġeografika. "

Or. de

Ġustifikazzjoni

Id-Direttiva 2019/1024 tiżgura l-ftuħ u l-użu mill-ġdid tad-data, iżda ma tipprovdix rekwiżiti speċifiċi biżżejjed dwar l-interoperabbiltà ġeospeċifika. Għalhekk, jenħtieġ li jinżamm qafas ta' referenza għall-Unjoni kollha għal standards ġeospeċifiċi miftuħa, dokumentati u newtrali għall-manifattur, b'mod partikolari għall-modi ta' twassil ibbażati fuq l-API. Dan se jgħin biex tiġi żgurata l-utiliżabbiltà transfruntiera prattika tad-data ġeografika u tiġi evitata l-frammentazzjoni teknika fl-ispazju Ewropew tad-data.

Emenda 57
Beatrice Timgren, Laurence Trochu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2007/2/KE
Artikoli 9 sa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) L-Artikoli 9 ***sa*** 12 jitħassru.	L-Artikoli 9***, 10 u*** 12 jitħassru.

Or. en

Emenda 58
Beatrice Timgren, Laurence Trochu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 11

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6a) L-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"Artikolu 11
1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jħaddmu network tas-servizzi li ġejjin għas-settijiet u servizzi ta' data ġeografika li għalihom inħolqot metadata skont din id-Direttiva:	***1. Meta settijiet ta' data ġeografika li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jsiru disponibbli jew aċċessibbli skont id-Direttiva (UE) 2019/1024 jew liġi applikabbli oħra tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiddependu, kemm jista' jkun, fuq infrastrutturi tad-data nazzjonali, reġjonali, lokali jew tal-Unjoni eżistenti.***
(a) servizzi ta' sejbien li jagħmlu possibbli t-tfittix ta' settijiet u servizzi ta' data ġeografika abbażi tal-kontenut tal-metadata korrispondenti u l-wiri tal-kontenut tal-metadata;	
(b) servizzi ta' viżjoni li jagħmluha possibbli, bħala minimu, li jintwerew, jiġu nnavvigati, isir zooming 'il barra u 'l ġewwa, isir panning, jew jitqiegħdu fuq xulxin settijiet li jistgħu jkunu viżibbli ta' data ġeografika u li jintwerew l-informazzjoni ta' spjega u kwalunkwe kontenut rilevanti tal-metadata;	
(c) servizzi ta'download, li jippermettu li kopji ta' settijiet ta' data ġeografika, jew partijiet minn tali settijiet jitniżżlu mill-Internet u, fejn prattikabbli jkun hemm aċċess dirett għalihom;	
(d) servizzi ta' trasformazzjoni, li jippermettu li settijiet ta' data ġeografika jiġu trasformati bil-ħsieb li tinkiseb l-interoperabbiltà;	
(e) servizzi li jippermettu li jintalbu servizzi ta' data ġeografika.	
Dawk is-servizzi għandhom jieħdu kont ta' ħtiġijiet rilevanti tal-utent u għandhom	

ikunu faċli biex jintużaw, disponibbli għall-pubbliku u aċċessibbli permezz tal-Internet jew xi mezz ieħor xieraq ta' telekomunikazzjoni.	
2. Għall-finijiet tas-servizzi msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1, bħala minimu l-kombinazzjoni li ġejja ta' kriterji tat-tfittix għandha tiġi implimentata: (a) kliem ewlieni; (b) klassifikazzjoni ta' data u servizzi ġeografiċi; (c) il-kwalità u l-validità tas-settijiet ta' data ġeografika; (d) grad ta' konformità mar-regoli implimentattivi previsti fl-Artikolu 7(1); (e) pożizzjoni ġeografika; (f) kondizzjonijiet li japplikaw għall-aċċess għal settijiet u servizzi ta' data ġeografika u l-użu tagħhom; (g) l-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għall-istabbiliment, l-amministrazzjoni, il-manutenzjoni u d-distribuzzjoni ta' settijiet u servizzi ta' data ġeografika.	***2. Dan l-Artikolu ma għandux jirrikjedi li l-Istati Membri jew l-awtoritajiet pubbliċi, unikament bħala riżultat ta' din id-Direttiva, jistabbilixxu jew joperaw servizzi ta' network ġodda, iżommu sistemi ta' pubblikazzjoni paralleli, joħolqu, jiġbru, jittrasformaw jew jarmonizzaw settijiet ta' data ġeografika, japplikaw standards jew formati tekniċi speċifiċi lil hinn minn dawk meħtieġa skont il-liġi applikabbli tal-Unjoni, jew jintroduċu obbligi ta' rapportar addizzjonali.***
3. Is-servizzi ta' trasformazzjoni msemmija fil-punt d tal-paragrafu 1 għandhom jiġu kombinati mas-servizzi l-oħra msemmija f'dak il-paragrafu b'tali mod li jippermetti li dawk is-servizzi kollha jkunu operati f'konformità mar-regoli implimentattivi previsti fl-Artikolu 7(1).	***3. L-aċċess għal settijiet u servizzi ta' data ġeografika jista' jkun limitat jew eskluż skont l-Artikolu 13 l-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali applikabbli."***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk jinżamm l-Artikolu 11, dan għandu jkun limitat. Għandu jippreserva l-aċċess prattiku għad-data ġeografika iżda ma għandux jimponi sistemi tal-IT ġodda, standards tekniċi ġodda jew obbligi ta' rapportar addizzjonali.

Emenda 59
Daniel Buda

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2007/2/KE
Artikoli 9 sa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) L-Artikoli 9 sa ***12*** jitħassru.	(6) L-Artikoli 9 sa ***10*** jitħassru.
	L-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	1. L-Istati Membri li diġà żviluppaw servizzi ta' tniżżil ta' INSPIRE li jippermettu tniżżil dirett tas-settijiet tad-data għandhom jikkonvertu dawn is-servizzi f'APIs għal settijiet tad-data ta' valur għoli (HVD) permezz ta' adattamenti tekniċi xierqa f'konformità mar-regoli tad-data miftuħa.
	2. Dawn is-servizzi jridu jqisu r-rekwiżiti rilevanti tal-utenti u jkunu faċli għall-utent, disponibbli għall-pubbliku u aċċessibbli permezz tal-internet permezz ta' pjattaformi nazzjonali tad-data miftuħa.
	L-Artikolu 12 huwa sostitwit bit-test li ġej:
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi jkollhom il-possibbiltà teknika li jorbtu s-settijiet ta' data ġeografika u s-servizzi ta' tniżżil relatati tagħhom mal-pjattaformi nazzjonali tad-data miftuħa.
	Or. ro

Ġustifikazzjoni

Eliminarea integrală a articolului 11 din Directiva INSPIRE ar conduce la pierderea valorii investițiilor semnificative realizate de statele membre pentru dezvoltarea și implementarea serviciilor de descărcare a datelor spațiale. În numeroase state membre sunt încă în desfășurare proiecte destinate implementării infrastructurii INSPIRE, inclusiv proiecte finanțate din fonduri europene, pentru care menținerea funcționalităților existente reprezintă o condiție esențială pentru asigurarea durabilității investițiilor și respectarea obligațiilor asumate în cadrul programelor de finanțare.Serviciile de descărcare constituie una dintre componentele fundamentale ale infrastructurii INSPIRE, asigurând accesul efectiv la seturile de date spațiale și facilitând reutilizarea acestora de către autoritățile publice, mediul de afaceri și cetățeni. Eliminarea acestora ar genera costuri suplimentare, ar reduce interoperabilitatea sistemelor existente și ar afecta continuitatea serviciilor deja operaționale.

Emenda 60
Sander Smit

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2007/2/KE
Artikoli 9 sa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) L-Artikoli 9 ***sa*** 12 jitħassru.	L-Artikoli 9 ***u*** 12 jitħassru.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Article 10 (cross-border coherence, codes and classifications) does not become obsolete through the deletion of Articles 7 and 8 and is retained in updated form. The new Article 11 takes over the Swedish drafting suggestion in the Council, extended with viewing to address the concern of several delegations (BE, ES, HR, HU) that view services are not covered by the open data framework. The reference to reporting obligations requiring such access preserves the legal basis on which, inter alia, Article 21 of Regulation (EU) 2024/1991 relies for the public accessibility of nature-restoration progress reports

Emenda 61
Sander Smit

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 10

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6a) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"Artikolu 10
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe informazzjoni, inkluża data, kodiċijiet u klassifikazzjonijiet tekniċi, meħtieġa għall-konformità mar-regoli implimentattivi previsti fl-Artikolu 7(1) tkun magħmula disponibbli lill-awtoritajiet pubbliċi jew il-partijiet terzi skond kondizzjonijiet li ma jirrestringux l-użu tagħha għal dak il-għan.	***L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koerenza tad-data ġeografika relatata ma' karatteristika, li l-post tagħha jkun mifrux fuq il-fruntiera bejn żewġ Stati Membri jew aktar, inklużi l-kodiċijiet u l-klassifikazzjonijiet meħtieġa għal dak l-għan."***
2. Sabiex ikun żgurat li data ġeografika relatata ma' karatteristika ġeografika, li l-lokalità tagħha tkun mifruxa fuq żewġ Stati	

Membri jew aktar, tkun koerenti, l-Istati Membri għandhom, fejn ikun xieraq, jiddeċiedu b'kunsens reċiproku dwar ir-rappreżentazzjoni u l-pożizzjoni ta' dawn il-karatteristiki komuni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Article 10 (cross-border coherence, codes and classifications) does not become obsolete through the deletion of Articles 7 and 8 and is retained in updated form. The new Article 11 takes over the Swedish drafting suggestion in the Council, extended with viewing to address the concern of several delegations (BE, ES, HR, HU) that view services are not covered by the open data framework. The reference to reporting obligations requiring such access preserves the legal basis on which, inter alia, Article 21 of Regulation (EU) 2024/1991 relies for the public accessibility of nature-restoration progress reports

Emenda 62
Sander Smit

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6b (ġdid)
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 11

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6b) L-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"Artikolu 11
1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jħaddmu network tas-servizzi li ġejjin għas-settijiet u servizzi ta' data ġeografika li għalihom inħolqot metadata skont din id-Direttiva:	***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-settijiet ta' data ġeografika li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jsiru disponibbli u aċċessibbli f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1024, inkluż permezz ta' arranġamenti tekniċi xierqa li jippermettu s-sejbien u l-viżwalizzazzjoni, sabiex jiġi żgurat l-aċċess tal-pubbliku għad-data ġeografika li fuqha huma bbażati l-obbligi ta' rapportar skont id-dritt tal-Unjoni li jirrikjedu tali aċċess bi qbil ma din id-Direttiva."***
(a) servizzi ta' sejbien li jagħmlu possibbli t-tfittix ta' settijiet u servizzi ta' data ġeografika abbażi tal-kontenut tal-metadata korrispondenti u l-wiri tal-kontenut tal-metadata;	
(b) servizzi ta' viżjoni li jagħmluha possibbli, bħala minimu, li jintwerew, jiġu nnavvigati, isir zooming 'il barra u 'l ġewwa, isir panning, jew jitqiegħdu fuq xulxin settijiet li jistgħu jkunu viżibbli ta' data ġeografika u li jintwerew l-informazzjoni ta' spjega u kwalunkwe kontenut rilevanti tal-metadata;	

(c) servizzi ta'download, li jippermettu li kopji ta' settijiet ta' data ġeografika, jew partijiet minn tali settijiet jitniżżlu mill-Internet u, fejn prattikabbli jkun hemm aċċess dirett għalihom;

(d) servizzi ta' trasformazzjoni, li jippermettu li settijiet ta' data ġeografika jiġu trasformati bil-ħsieb li tinkiseb l-interoperabbiltà;

(e) servizzi li jippermettu li jintalbu servizzi ta' data ġeografika.

Dawk is-servizzi għandhom jieħdu kont ta' ħtiġijiet rilevanti tal-utent u għandhom ikunu faċli biex jintużaw, disponibbli għall-pubbliku u aċċessibbli permezz tal-Internet jew xi mezz ieħor xieraq ta' telekomunikazzjoni.

2. Għall-finijiet tas-servizzi msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1, bħala minimu l-kombinazzjoni li ġejja ta' kriterji tat-tfittix għandha tiġi implimentata:

(a) kliem ewlieni;

(b) klassifikazzjoni ta' data u servizzi ġeografiċi; (c) il-kwalità u l-validità tas-settijiet ta' data ġeografika;

(d) grad ta' konformità mar-regoli implimentattivi previsti fl-Artikolu 7(1);

(e) pożizzjoni ġeografika;

(f) kondizzjonijiet li japplikaw għall-aċċess għal settijiet u servizzi ta' data ġeografika u l-użu tagħhom;

(g) l-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għall-istabbiliment, l-amministrazzjoni, il-manutenzjoni u d-distribuzzjoni ta' settijiet u servizzi ta' data ġeografika.

3. Is-servizzi ta' trasformazzjoni msemmija fil-punt d tal-paragrafu 1 għandhom jiġu kombinati mas-servizzi l-oħra msemmija f'dak il-paragrafu b'tali mod li jippermetti li dawk is-servizzi kollha jkunu operati f'konformità mar-regoli implimentattivi previsti fl-Artikolu 7(1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Article 10 (cross-border coherence, codes and classifications) does not become obsolete through the deletion of Articles 7 and 8 and is retained in updated form. The new Article 11 takes over the Swedish drafting suggestion in the Council, extended with viewing to address the concern of several delegations (BE, ES, HR, HU) that view services are not covered by the open data framework. The reference to reporting obligations requiring such access preserves the legal basis on which, inter alia, Article 21 of Regulation (EU) 2024/1991 relies for the public accessibility of nature-restoration progress reports

Emenda 63
Radan Kanev

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2007/2/KE
Artikoli 9 sa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) L-Artikoli 9 sa ***12*** jitħassru.	L-Artikoli 9 sa ***11*** jitħassru.

Or. en

Emenda 64
Radan Kanev

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 12

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6a) L-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi jingħataw ***il-possibiltà*** teknika li jorbtu s-settijiet ***u s-servizzi*** ta' data ġeografika tagħhom ***man-network imsemmi fl-Artikolu 11(1)***. ***Dan is-servizz għandu jkun magħmul*** disponibbli wkoll fuq talba ***minn*** partijiet terzi li s-settijiet ***u servizzi*** ta' data ġeografika tagħhom jikkonformaw ***mar-regoli implimentattivi li jistabbilixxu obbligi*** fir-rigward***, b'mod partikolari, ta' metadata, servizzi ta' network u interoperabbiltà***.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi jingħataw ***il-possibbiltà*** teknika li jorbtu s-settijiet ta' data ġeografika tagħhom ***ma' servizzi rilevanti previsti fid-dritt tal-Unjoni dwar il-governanza tad-data u l-kondiviżjoni tad-data. Din il-possibbiltà għandha tkun*** disponibbli wkoll fuq talba ***lil*** partijiet terzi li s-settijiet ta' data ġeografika tagħhom jikkonformaw ***mar-rekwiżiti applikabbli*** fir-rigward ***tal-metadata, l-interoperabbiltà prevista skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-governanza tad-data u l-***

kondiviżjoni tad-data[9a].

Or. en

Emenda 65
Annalisa Corrado, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2007/2/KE
Artikoli 9, 10 u 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) L-Artikoli 9 ***sa*** 12 jitħassru.	L-Artikoli 9***, 10 u*** 12 jitħassru.

Or. en

Emenda 66
Annalisa Corrado, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6a) L-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu u jħaddmu network tas-servizzi li ġejjin għas-settijiet u servizzi*** ta' data ġeografika li ***għalihom inħolqu metadata skont din id-Direttiva:***	"1. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li s-settijiet*** ta' data ġeografika li ***jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jsiru disponibbli u aċċessibbli f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1024, inkluż permezz ta' arranġamenti tekniċi xierqa li jippermettu s-sejbien u l-aċċess għal kompiti pubbliċi li jikkonċernaw l-ambjent, filwaqt li jappoġġaw l-interoperabbiltà u l-komparabbiltà*** ta' data ġeografika ***madwar l-Unjoni***."
(a) servizzi ta' sejbien li jagħmlu possibbli t-tfittix ta' settijiet u servizzi ta' data ġeografika abbażi tal-kontenut tal-metadata korrispondenti u l-wiri tal-	

kontenut tal-metadata;

(b) servizzi ta' viżjoni li jagħmluha possibbli, bħala minimu, li jintwerew, jiġu nnavvigati, isir zooming 'il barra u 'l ġewwa, isir panning, jew jitqiegħdu fuq xulxin settijiet li jistgħu jkunu viżibbli ta' data ġeografika u li jintwerew l-informazzjoni ta' spjega u kwalunkwe kontenut rilevanti tal-metadata;

(c) servizzi ta'download, li jippermettu li kopji ta' settijiet ta' data ġeografika***, jew partijiet minn tali settijiet jitniżżlu mill-Internet u, fejn prattikabbli jkun hemm aċċess dirett għalihom;***

(d) servizzi ta' trasformazzjoni, li jippermettu li settijiet ta' data ġeografika jiġu trasformati bil-ħsieb li tinkiseb l-interoperabbiltà;

(e) servizzi li jippermettu li jintalbu servizzi ta' data ġeografika.

2***. Għall-finijiet tas-servizzi msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1, bħala minimu l-kombinazzjoni li ġejja ta' kriterji tat-tfittix għandha tiġi implimentata:***

(a) kliem ewlieni;

(b) klassifikazzjoni ta' data u servizzi ġeografiċi;

(c) il-kwalità u l-validità tas-settijiet ta' data ġeografika;

(d) grad ta' konformità mar-regoli implimentattivi previsti fl-Artikolu 7(1);

(e) pożizzjoni ġeografika;

(f) kondizzjonijiet li japplikaw għall-aċċess għal settijiet u servizzi ta' data ġeografika u l-użu tagħhom;

(g) l-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għall-istabbiliment, l-amministrazzjoni, il-manutenzjoni u d-distribuzzjoni ta' settijiet u servizzi ta' data ġeografika.

3. Is-servizzi ta' trasformazzjoni msemmija fil-punt d tal-paragrafu 1 għandhom jiġu kombinati mas-servizzi l-oħra msemmija f'dak il-paragrafu b'tali

mod li jippermetti li dawk is-servizzi kollha jkunu operati f'konformità mar-regoli implimentattivi previsti fl-Artikolu 7(1).

Or. en

(32007L0002)

Emenda 67
Beatrice Timgren, Laurence Trochu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-aċċess pubbliku għal settijiet u servizzi ta' data ġeografika fejn tali aċċess jista' jaffettwa b'mod negattiv ir-relazzjonijiet internazzjonali, is-sigurtà pubblika ***jew*** id-difiża nazzjonali.	"L-Istati Membri jistgħu ***jipprevedu li l-awtoritajiet pubbliċi, fejn meħtieġ u proporzjonat u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali,*** jillimitaw ***jew jeskludu*** l-aċċess pubbliku għal settijiet u servizzi ta' data ġeografika fejn tali aċċess jista' jaffettwa b'mod negattiv ir-relazzjonijiet internazzjonali, is-sigurtà pubblika***, l-ordni pubbliku,*** id-difiża nazzjonali***, is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni jew il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika***."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-data ġeografika tista' tiżvela informazzjoni sensittiva dwar id-difiża, l-enerġija, it-trasport, l-ilma, it-telekomunikazzjoni u infrastruttura kritika oħra. L-Istati Membri jeħtiġilhom ikunu jistgħu jillimitaw jew jeskludu l-aċċess fejn l-iżvelar joħloq riskji għas-sigurtà.

Emenda 68
Anja Arndt, Marc Jongen, Ivan David

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt aa (ġdid)

Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-aċċess ***pubbliku*** għal settijiet ***u*** servizzi ta' data ġeografika fejn ***tali aċċess jista' jaffettwa b'mod negattiv ir-relazzjonijiet internazzjonali, is-sigurtà*** pubblika jew ***id-difiża nazzjonali***.	L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-aċċess għal settijiet ***ta' data ġeografika jew*** servizzi ta' data ġeografika fejn ***din l-informazzjoni tikkonċerna infrastruttura kritika, sistemi tal-provvista tal-enerġija, ġestjoni tal-ilma, żoni tal-fruntiera, faċilitajiet militari, żoni ta' produzzjoni agrikola jew faċilitajiet industrijali strateġiċi, li l-iżvelar tagħhom jista' jkun ta' ħsara għas-sigurtà*** pubblika***, is-sigurtà nazzjonali*** jew ***interessi ekonomiċi essenzjali***.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Is-sitwazzjoni ġeopolitika titlob protezzjoni ċara tad-data relatata mas-sigurtà. Din torbot mal-limitazzjonijiet eżistenti skont l-Artikolu 13.

Emenda 69
Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt ab (ġdid)
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***jistgħu*** jillimitaw l-aċċess pubbliku għal settijiet u servizzi ta' data ġeografika ***fejn tali aċċess jista' jaffettwa b'mod negattiv ir-relazzjonijiet internazzjonali, is-sigurtà pubblika jew id-difiża nazzjonali***.	L-Istati Membri ***għandhom jevalwaw b'mod kritiku u, fejn meħtieġ,*** jillimitaw l-aċċess pubbliku għal settijiet u servizzi ta' data ġeografika ***relatati mas-sigurtà fir-rigward ta' infrastrutturi tas-setturi elenkati fl-Anness tad-Direttiva (UE) 2022/[1a]***. _____ ***[1a] Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-***

entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE; ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164.

Or. de

(Dan is-subparagrafu huwa kopert kompletament mis-subparagrafu li jmiss. Għalhekk jista' jiġi sostitwit faċilment b'dispożizzjoni aktar speċifika.)

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-kuntest internazzjonali, huwa importanti li jiġu protetti s-settijiet ta' data ġeografika relatati mas-sigurtà li jikkonċernaw infrastrutturi kritiċi. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom mhux biss ikunu jistgħu jillimitaw l-aċċess pubbliku, iżda wkoll jevalwaw b'mod kritiku tali aċċess u mbagħad ikunu obbligati wkoll jillimitawh meta jkun meħtieġ.

Emenda 70
Beatrice Timgren, Laurence Trochu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-aċċess pubbliku għas-settijiet u s-servizzi ta' data ġeografika fejn tali aċċess jista' jaffettwa ħażin kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:"***;***	"L-Istati Membri jistgħu ***jipprevedu li l-awtoritajiet pubbliċi, fejn meħtieġ u proporzjonat u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali,*** jillimitaw ***jew jeskludu*** l-aċċess pubbliku għal settijiet u servizzi ta' data ġeografika fejn tali aċċess jista' jaffettwa ħażin kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:"

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan jiċċara li l-Istati Membri jistgħu jeskludu kompletament l-aċċess fejn il-limitazzjoni ma tkunx biżżejjed, filwaqt li jiżguraw li tali deċiżjonijiet jibqgħu bbażati fuq id-dritt, meħtieġa u proporzjonati.

Emenda 71
Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Marie-Luce Brasier-Clain, Valérie Deloge,

Matthieu Valet, Mélanie Disdier, Catherine Griset

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt ba (ġdid)
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) L-Istati Membri jistgħu jirrestringu l-aċċess għal settijiet u servizzi ta' data ġeografika meta dik id-data tkun relatata ma' infrastruttura kritika, entitajiet kritiċi kif definiti mid-Direttiva (UE) 2022/2557, jew entitajiet essenzjali jew importanti kif definiti mid-Direttiva (UE) 2022/2555, u meta d-divulgazzjoni ta' dik id-data tista' timmina s-sigurtà pubblika, iċ-ċibersigurtà, ir-reżiljenza ta' servizzi essenzjali jew il-protezzjoni ta' infrastruttura kritika.* ***F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-aċċess għal tali data bil-kondizzzjoni li min jagħmel it-talba juri interess leġittimu kompatibbli mar-rekwiżiti tas-sigurtà pubblika, iċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika. ***Tali restrizzjonijiet għandhom jiġu applikati biss meta jkun meħtieġ u b'mod proporzjonat u debitament ġustifikat.***

Or. fr

Emenda 72
Beatrice Timgren, Laurence Trochu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt bb (ġdid)
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bb) fit-tieni paragrafu, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

" (b) ir-relazzjonijiet internazzjonali, is-sigurtà pubblika, l-ordni pubbliku, id-difiża nazzjonali, is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni jew il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika; »

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-data ġeografika tista' tiżvela informazzjoni sensittiva relatata mas-sigurtà, id-difiża, in-networks u s-sistemi tal-informazzjoni u l-infrastruttura kritika. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jillimitaw jew jeskludu l-aċċess fejn l-iżvelar joħloq tali riskji.

Emenda 73
Beatrice Timgren, Laurence Trochu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt bc (ġdid)
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 - punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bc) fit-tieni subparagrafu, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:
	(d) il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjali jew industrijali, inklużi s-sigrieti kummerċjali, l-għarfien espert u l-informazzjoni kummerċjalment sensittiva, fejn tali kunfidenzjalità hija mħarsa mid-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali biex jitħares interess ekonomiku leġittimu, inkluż l-interess pubbliku biex tinżamm il-kunfidenzjalità tal-istatistika u s-segretezza tat-taxxa;

Or. en

Emenda 74
Beatrice Timgren, Laurence Trochu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt bd (ġdid)

Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bd) jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	"L-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fid-Direttiva 2003/4/KE u għal xi leġiżlazzjoni applikabbli oħra tal-Unjoni dwar l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali."

Or. en

Emenda 75
Sander Smit

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -8 (ġdid)
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-8). Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***s-servizzi msemmija fil-punti (a) u (b) ta' l-Artikolu 11(1) huma*** disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas.	***"1.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li***, meta settijiet ta' data ġeografika jsiru*** disponibbli għall-pubbliku ***biex jikkonformaw mal-obbligi ta' rapportar u ta' aċċess pubbliku skont id-dritt tal-Unjoni, inkluż l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2024/1991, l-iskoperta u l-wiri ta' dawk is-settijiet ta' data jkunu disponibbli*** mingħajr ħlas.***"***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tirregola t-tariffi għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti iżda, kif innotat minn AT u FR fil-Kunsill, ma tiggarantixxix il-forniment liberu tas-servizzi tan-network li permezz tagħhom tiġi viżwalizzata d-data. Iż-żamma ta' garanzija ristretta mingħajr ħlas tippreserva l-istandard ta' aċċess pubbliku li l-atti downstream – b'mod

partikolari l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2024/1991 – jippresupponu.

Emenda 76
Sander Smit

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 14 u Artikolu 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***L-Artikoli 14 sa 15 jitħassru***.	***L-Artikolu 15 jitħassar***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tirregola t-tariffi għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti iżda, kif innotat minn AT u FR fil-Kunsill, ma tiggarantixxix il-forniment liberu tas-servizzi tan-network li permezz tagħhom tiġi viżwalizzata d-data. Iż-żamma ta' garanzija ristretta mingħajr ħlas tippreserva l-istandard ta' aċċess pubbliku li l-atti downstream – b'mod partikolari l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2024/1991 – jippresupponu.

Emenda 77
Valentina Palmisano

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***L-Artikoli 14 sa 15 jitħassru***.	***(8) L-Artikolu 14 jitħassar***.

Or. it

Emenda 78
Valentina Palmisano

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8

Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Artikolu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"Artikolu 15
	1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-portal Ewropew tad-data, data.europa.eu, jagħmel disponibbli funzjonalitajiet ġeospazjali xierqa ta' tiftix, aċċess, wiri tal-mapep u tniżżil għal settijiet u servizzi ta' data ġeografika li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.
	2. Dawn il-funzjonalitajiet għandhom jippermettu lill-utenti jfittxu u jniżżlu data ġeografika skont kelma ewlenija, it-tema, il-post, il-punt tal-mappa, jew iż-żona ta' interess, jivviżwalizzawhom fuq mappa, juru u jaħbu saffi tematiċi, jivviżwalizzaw il-metadata rilevanti u jidentifikaw is-sors ta' din id-data u l-awtorità pubblika responsabbli għaliha."

Or. it

Emenda 79
Valentina Palmisano

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-Artikolu 17 jithassar.	***imħassar***

Or. it

Emenda 80
Annalisa Corrado, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-Artikolu 17 jitħassar.	***imħassar***

Or. en

Emenda 81
Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Marie-Luce Brasier-Clain, Valérie Deloge, Matthieu Valet, Mélanie Disdier, Catherine Griset

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-Artikolu 17 ***jitħassar.***	L-Artikolu 17 ***huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	"Artikolu 17
	Il-kondiviżjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi, u l-kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid
	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-kondiviżjoni effettiva ta' settijiet u servizzi ta' data ġeografika bejn l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, reġjonali u lokali, b'mod partikolari meta jkunu meħtieġa għall-protezzjoni ambjentali, għall-prevenzjoni ta' perikli naturali u industrijali, u għall-ġestjoni tal-ilma, il-ħamrija, il-foresti, il-kosta, il-bijodiversità u l-ippjanar tal-ispazju.
	L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu, fejn meħtieġ u debitament ġustifikat, kundizzjonijiet speċifiċi għall-użu mill-ġdid kummerċjali ta' ċerti settijiet ta' data ġeografika prodotti jew miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi, sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja tal-produzzjoni, l-aġġornament, il-kwalità u l-

	manutenzjoni tagħhom. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom ikunu proporzjonati, trasparenti u nondiskriminatorji.
	Ma għandhomx ifixklu l-aċċess għad-data għal finijiet relatati mal-interess pubbliku, ir-riċerka, il-protezzjoni ambjentali, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi, il-prevenzjoni tar-riskju jew l-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku."

Or. fr

Emenda 82
Annalisa Corrado, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(10a) L-Artikolu 17, il-paragrafu 1, huwa emendat kif ġej
Kull Stat Membru għandu ***jadotta miżuri għall-kondiviżjoni ta' settijiet u servizzi ta' data ġeografika bejn*** l-awtoritajiet pubbliċi ***tiegħu msemmija fl-Artikolu 3(9)(a) u (b). Dawk il-miżuri għandhom jippermettu lill-dawk l-awtoritajiet pubbliċi li jkollhom aċċess għas-settijiet u servizzi ta'*** data ġeografika***, u li jiskambjaw u jużaw dawk is-settijiet u servizzi, għall-skopijiet*** ta' kompiti pubbliċi li jista' jkollhom impatt fuq l-ambjent.	"Kull Stat Membru għandu ***jiżgura li*** l-awtoritajiet pubbliċi ***jkunu jistgħu jaċċessaw u jiskambjaw*** data ġeografika ***koperta minn din id-Direttiva meħtieġa għat-twettiq*** ta' kompiti pubbliċi li jista' jkollhom impatt fuq l-ambjent."

Or. en

(32007L0002)

Emenda 83
Annalisa Corrado, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10b (ġdid)
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(10b) Fl-Artikolu 17, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Il-miżuri previsti fil-paragrafu 1 ***għandhom jipprekludu kwalunkwe restrizzjoni li x'aktarx toħloq ostakli prattiċi, li jseħħu fil-punt tal-użu, għall-kondiviżjoni tas-settijiet u s-servizzi ta' data ġeografika.***	
	"Fil-qafas tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku li huma stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/1024 u f'leġiżlazzjoni oħra relatata tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom, fejn meħtieġ, jadottaw jew iżommu miżuri nazzjonali biex jiżguraw aċċess effettiv għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1***"***

Or. en

(32007L0002)

Emenda 84
Annalisa Corrado

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10c (ġdid)
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 17 – paragrafi 3 sa 8

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(10c) Fl-Artikolu 17, il-paragrafi (3) sa (8)
3. L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-awtoritajiet pubbliċi li jfornu settijiet u servizzi ta' data ġeografika li jilliċenzjawhom għal, u/jew jeħtieġu ħlas mingħand, l-awtoritajiet pubbliċi jew l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità li	***jitħassru***

jużaw dawn is-settijiet u servizzi ta' data ġeografika. Kwalunkwe tali ħlas u liċenzji għandhom ikunu kompatibbli bis-sħiħ ma' l-għan ġenerali ta' l-iffaċilitar tal-kondiviżjoni ta' settijiet u servizzi ta' data ġeografika bejn l-awtoritajiet pubbliċi. Fejn isiru ħlasijiet, dawn għandhom jinżammu għall-minimu meħtieġ biex tiġi żgurata l-kwalità u l-forniment meħtieġa ta' settijiet u servizzi ta' data ġeografika bi dħul raġonevoli fuq l-investiment, filwaqt li jiġu rispettati r-rekwiżiti ta' finanzjament tagħhom infushom ta' awtoritajiet pubbliċi li jfornu settijiet u servizzi ta' data ġeografika, fejn applikabbli. Settijiet u servizzi ta' data ġeografika provduti minn Stati Membri lil istituzzjonijiet u korpi Komunitarji sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta' rappurtaġġ taħt il-liġi Komunitarja relatata ma' l-ambjent, m'għandhom ikunu soġġetti għall-ebda ħlas.

4. L-arranġamenti għall-kondiviżjoni ta' settijiet u servizzi ta' data ġeografika previsti fil-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom ikunu miftuħa għall-awtoritajiet pubbliċi msemmija fl-Artikolu 3(9)(a) u (b) ta' Stati Membri oħra u għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità, għall-iskopijiet ta' kompiti pubbliċi li jistgħu jkollhom impatt fuq l-ambjent.

5. L-arranġamenti għall-kondiviżjoni ta' settijiet u servizzi ta' data ġeografika previsti fil-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom ikunu miftuħa, fuq bażi reċiproka u ekwivalenti, għal korpi stabbiliti minn ftehim internazzjonali, li tagħhom il-Komunità u l-Istati Membri huma partijiet, għall-iskopijiet ta' kompiti li jistgħu jkollhom impatt fuq l-ambjent.

6. Fejn l-arranġamenti għall-kondiviżjoni tas-settijiet u s-servizzi ta' data ġeografika previsti fil-paragrafi 1, 2 u 3 huma disponibbli skond il-paragrafi 4 u 5, dawn l-arranġamenti jistgħu jkunu akkumpanjati minn ħtiġiet taħt id-dritt nazzjonali li jikkondizzjonaw l-użu

”

tagħhom.

7. B'deroga minn dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-kondiviżjoni meta dan jikkomprommetti l-kors tal-ġustizzja, is-sigurtà pubblika, id-difiża nazzjonali jew ir-relazzjonijiet internazzjonali.

8. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji b'aċċess għal settijiet u servizzi ta' data ġeografika skond kondizzjonijiet armonizzati. Ir-regoli implimentattivi li jirregolaw dawk il-kondizzjonijiet, maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissuplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 22(3). Dawn ir-regoli implimentattivi għandhom jirrispettaw bi sħiħ il-prinċipji mniżżla fil-paragrafi minn 1 sa 3.

Or. en

(32007L0002)

Emenda 85
Sander Smit

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11a (ġdid)
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Jiddaħħal l-artikolu li ġej: "Artikolu 21a
	Il-komparabbiltà tad-data ġeografika użata għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-Unjoni.
	1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja jekk is-settijiet ta' data ġeografika magħmula disponibbli skont id-Direttiva (UE) 2019/1024 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/138 jibqgħux

teknikament u semantikament komparabbli madwar l-Istati Membri, b'mod partikolari meta dawk is-settijiet ta' data jirfdu l-obbligi ta' monitoraġġ u rapportar skont id-dritt tal-Unjoni, inkluż ir-Regolament (UE) 2019/1010, il-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) 2024/1991, id-Direttiva (UE) 2024/2881 u d-Direttiva (UE) 2025/2360.

2. Il-Kummissjoni għandha, sa [sentejn wara d-data msemmija fl-Artikolu 2(1)] u kull sentejn wara dan, tippubblika rapport li jivvaluta dik il-komparabbiltà, inklużi indikaturi għal kull Stat Membru dwar il-konformità mal-istandards miftuħa formali u dwar l-aċċessibbiltà pubblika tas-settijiet tad-data kkonċernati.

3. Meta l-komparabbiltà skont it-tifsira tal-paragrafu 1 ma tkunx żgurata, kwalunkwe valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-konformità jew tal-progress tal-Istati Membri li tkun ibbażata fuq dawk is-settijiet ta' data għandha tqis kif xieraq id-differenzi fil-granularità, fil-kwalità u fil-metodoloġija tad-data nazzjonali sottostanti."

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tneħħija tal-ispeċifikazzjonijiet armonizzati ta' INSPIRE ġġib magħha r-riskju li d-data ma tkunx komparabbli madwar l-Istati Membri. Dan it-test tal-ekwivalenza, ibbażat fuq il-prinċipju tal-komparabbiltà li fuqu hija bbażata d-Direttiva 2000/60/KE, jiżgura li l-valutazzjonijiet tal-konformità jqisu d-differenzi fil-granularità u l-kwalità tad-data, sabiex l-Istati Membri li jipprovdu data aħjar ma jkunux żvantaġġati.

Emenda 86
Lynn Boylan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11a (ġdid)
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Jiddaħħal l-artikolu li ġej:
	“Artikolu 21a
	L-interoperabbiltà transfruntiera tad-data ġeografika fil-ġżira tal-Irlanda
	1. L-Istati Membri għandu jkollhom l-għan li jiżguraw li l-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva ma ddgħajjifx il-kontinwità tal-interoperabbiltà tas-settijiet u s-servizzi ta’ data ġeografika użati għall-ġestjoni ambjentali transfruntiera bejn l-Irlanda u l-Irlanda ta’ Fuq.
	2. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-koordinazzjoni u, fejn xieraq, tipprovdi gwida teknika biex tappoġġa ż-żamma tal-interoperabbiltà tal-infrastrutturi tad-data ġeografika rilevanti għall-kooperazzjoni ambjentali transfruntiera fil-ġżira tal-Irlanda.
	3. Kwalunkwe simplifikazzjoni jew modifika tar-rekwiżiti tekniċi skont din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa b’mod negattiv il-livell ta’ interoperabbiltà meħtieġ għall-ġestjoni ambjentali transfruntiera bejn l-Irlanda u l-Irlanda ta’ Fuq.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sistemi ambjentali fil-ġżira tal-Irlanda, inklużi d-distretti tal-baċiri tax-xmajjar, in-networks tal-bijodiversità u ekosistemi kondiviżi oħra, jeħtieġu skambju transfruntier kontinwu ta’ informazzjoni ġeografika u ambjentali. Din l-emenda tiżgura li s-simplifikazzjoni tal-qafas INSPIRE ma ddgħajjifx b’mod involontarju l-interoperabbiltà tas-settijiet tad-data u s-servizzi użati għall-ġestjoni ambjentali u l-kooperazzjoni regolatorja bejn l-Irlanda u l-Irlanda ta’ Fuq.

Emenda 87
Anja Arndt, Marc Jongen, Ivan David

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11a (ġdid)

Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	11a. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	"Artikolu 21a
	Mhux aktar tard minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-obbligi li jifdal skont din id-Direttiva relatati mal-forniment tad-data u l-interoperabbiltà teknika għadhomx meħtieġa, proporzjonati u kompatibbli mal-objettiv tas-simplifikazzjoni amministrattiva. Din il-valutazzjoni ma għandha twassal għall-ebda obbligu ta' rapportar kontinwu ġdid għall-Istati Membri."

Or. de

Ġustifikazzjoni

Appoġġajna bis-sħiħ it-tneħħija tal-obbligi ta' rappurtar. Klawżola ta' rieżami ta' darba u simplifikata tipprevjeni l-introduzzjoni mill-ġdid gradwali tal-piżijiet amministrattivi mingħajr ma toħloq piż ta' rapportar ġdid hija stess.

Emenda 88
Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Marie-Luce Brasier-Clain, Valérie Deloge, Matthieu Valet, Mélanie Disdier, Catherine Griset

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(7) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***5*** snin minn [Nota għall-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-Kummissjoni għandha tfassal	2. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(7) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***ħames*** snin minn [Nota għall-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-Kummissjoni għandha tfassal

rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn ***9*** xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ***5*** snin. Id-delega ta' setgħa ***għandha*** tiġi estiża ***awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament*** Ewropew jew ***il-Kunsill jogħġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu***.	rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn ***disa'*** xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ***ħames*** snin. Id-delega ta' setgħa ***tista'*** tiġi estiża ***biss wara valutazzjoni pubblika tal-użu tagħha mill-Kummissjoni u biss jekk ma jkun hemm l-ebda oppożizzjoni mill-Parlament*** Ewropew jew ***mill-Kunsill***.

Or. fr

Emenda 89
Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Marie-Luce Brasier-Clain, Valérie Deloge, Matthieu Valet, Mélanie Disdier, Catherine Griset

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-kwalità, l-aċċessibbiltà reali, il-kontinwità, is-sigurtà u l-utilità operazzjonali tad-data ġeografika u ambjentali għall-pubbliku ġenerali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-awtoritajiet pubbliċi, ir-riċerkaturi, il-bdiewa, il-forestiera, is-sajjieda, il-SMEs u l-partijiet ikkonċernati industrijali rilevanti.

Or. fr

Emenda 90
Beatrice Timgren, Laurence Trochu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) it-tnaqqis reali tal-ispejjeż amministrattivi u ta' konformità miksuba għall-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali;

Or. en

Emenda 91
Beatrice Timgren, Laurence Trochu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) il-punt sa fejn l-implimentazzjoni evitat obbligi tekniċi, ta' ħolqien tad-data, ta' kondiviżjoni tad-data, ta' interoperabbiltà jew ta' rapportar addizzjonali għall-Istati Membri u għall-awtoritajiet pubbliċi;

Or. en

Emenda 92
Beatrice Timgren, Laurence Trochu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cc) l-effettività tas-salvagwardji li jippermettu lill-awtoritajiet pubbliċi jillimitaw jew jeskludu l-aċċess għal data ġeografika sensittiva, inkluża data relatata mas-sigurtà pubblika, l-ordni pubbliku, id-difiża nazzjonali, is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-

informazzjoni, l-infrastruttura kritika, il-kunfidenzjalità kummerċjali jew industrijali, is-sigrieti kummerċjali, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u d-data personali.

Or. en

Emenda 93
Beatrice Timgren, Laurence Trochu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2007/2/KE
Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-evalwazzjoni għandha, sa fejn ikun possibbli, tkun ibbażata fuq informazzjoni eżistenti u ma għandhiex toħloq obbligi ta' rapportar addizzjonali għall-Istati Membri jew għall-awtoritajiet pubbliċi.

Or. en

Emenda 94
Daniel Buda

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sa [Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = ***12-il xahar*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-	L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sa [Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = ***24 xahar*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-

Kummissjoni.	Kummissjoni.

Or. ro

Emenda 95
Daniel Buda

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data ***12-il xahar*** u jum wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].	Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data ***24 xahar*** u jum wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Or. ro

Emenda 96
Anja Arndt, Marc Jongen, Ivan David

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata fir-rispett sħiħ tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Id-deċiżjonijiet dwar l-organizzazzjoni, il-ġestjoni, il-ħżin u l-aċċessibbiltà tal-infrastrutturi nazzjonali tad-data ġeografika jibqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri.

Or. de

Ġustifikazzjoni

L-infrastrutturi tad-data ġeografika huma marbuta mill-qrib mal-istrutturi amministrattivi nazzjonali u jeħtieġu soluzzjonijiet nazzjonali flessibbli.